**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 125/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Michael Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 500865M**

**Illum**: 5 t'Ottubru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Michael Mifsud u cioe` talli:

1. Nhar il-11 ta' Jannar, 2019, għall-ħabta ta' bejn l-12:00hrs u s-13:45hrs irrenda ruħu kompliċi f'serq minn ġewwa r-residenza bin-numru 30 u bl-isem 'Zardor', li tinsab fi Triq l-Għargħar 1979, Qormi, liema serq ta' flus u ġojjellerija, hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu tal-familja Sammut u/jew ta' xi persuna/i oħra;

Talli f'dawn l-istess data, ħin ġewwa diversi lokalitajiet ġewwa Malta:

2. Saq vettura tal-għamla Toyota Hilux bin-numri tar-reġistrazzjoni BCJ 762 li ma kienux dawk in-numri tar-reġistrazzjoni li suppost kellha dik il-vettura.

3. Fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D., datata 15 ta' Frar, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 17, 31, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 261(a)(c)(e), 262(1)(a)(b)(2), 267, 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 275, 276, 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 32(5) u 44(5)(6) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

**Preliminari**

Ghandu jigi sottolinejat li din il-kawza nstemghet w imxiet flimkien ma zewg procedimenti ohra, **Il-Pulizija vs Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa, u Il-Pulizija vs Patrick Mangion**, lkoll decizi fl-istess jum.

Ghalhekk bosta kienu dawk il-persuni li xehedu f'kawza w it-traskrizzjoni ta' dik ix-xhieda giet inserita f'dawn l-atti b'digriet appozitu. Kien hemm imbghad ghadd ta' istanzi fejn persuni xehdu darba ghall-finijiet tat-tlett procedimenti, cioe` ix-xhieda taghhom kellha rilevanza u giet ammessa fit-tlett procedimenti separati.

[1] Fol.506

**Il-Provi**

Giet inserita fl-atti ta' dawn il-proceduri, kopja tal-**Proces Verbal No.252/19** esebit fil-procediment **Il-Pulizija vs Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa,** redatt mill-Magistrat Dr. Simone Grech.[2]

Il-**Current Incident Report**[3] gie kkonfermat minn **WPS 161 Tania Camilleri** li kienet l-ufficjal li marret fuq il-post u tkellmet ma Anna Sammut.[4] Fir-rapport jissemma' li fil-verzjoni *a tempo vergine*, Sammut tistqarr: *"Tnejn mill-malviventi* ***kienu ta' statura irqaq u twil u l-iehor imbaccac u qasir****….Wiehed minnhom qalilha li jekk tqabizielhi, nhanxarlek rasek u qalulha ukoll 'Tghajjatx'. Hija rat li fuqhom kellhom sikkina u tnejn minnhom kellhom ingwanti tad-drapp kulur ahdar u l-iehor par suwed. Dak li rabatha, kellu maskra tac-carruta u qalilha li naqra flus ghad-droga rridu ahna u l-iehor li kellu tights minn lewn il-gilda ma wiccu. Meta rabtuha riedu jdahhluha gol-garage imma hi ma hallietomx….xi l-12:00hrs, rat mis-cctv taghha, ragel bil-beritta bajda b'sidrija u qalilha li kien tal-posta".*[5]

**Dr. Mario Scerri** u **Dr. Joseph Cassar** li ezaminaw lil Anna Sammut pprezentaw ir-rapporti rispettivi taghhom.[6] Fil-konkluzzjoni tieghu Dr. Scerri jghid li ma kienx hemm lezjonijiet vizzibli waqt l-ezami mediko legali.[7]Dr. Cassar jghid li sab li Sammut qed *"ssofri minn anzjeta` u nevrozi trawmatika (Post Traumatic Stress Disorder) b'rata ta' dizabilita` ta' 10%"* tant li gie rrakmandat li tibqa' f'kuntatt regolari ma tim psikjatriku.[8]

**Anna Sammut**,[9] id-derubata, bdiet biex tispjega kif fil-11 ta' Jannar, 2019, meta kienu xi 11:30am kien habtilha xi hadd, izda meta marret tittawwal ma rat lil hadd. Staqsiet lil wiehed garr taghha li qalilha li kien il-pustier.[10] Xi 1pm rega' habtilha persuna li qalilha li kellha l-posta w kien jinhtieg tiffirma fuq pakkett. Sakemm hi kienet qed tkellmu w tispekula mieghu min seta' bghatilha *parcel*, x'hin il-pustier kien dahru lejn il-bieb u b'wiccu faccata taghha, hasset lil xi hadd jimbottaha lura b'wicca fuq it-tarag. Dahhlu zewg malviventi fejn wiehed

---

[2] Fol.214. PV esebit bhala **Dok.DZ** a fol.216-237

[3] **Dok.FF3** a fol.60-66

[4] Fol.132-133. Kopja ohra tar-rapport **Dok.TC** a fol.134-138

[5] Fol.64 u fol.137

[6] Fol.68

[7] **Dok.MS** a fol.78

[8] **Dok.JC** a fol.84

[9] Ix-xhieda ta' Sammut li ttiehdet fil-proceduri **Il-Pulizija vs Patrick Mangion u Il-Pulizija vs Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa**, bi qbil mad-difiza giet inserita fl-atti ta' dan il-process; Vide verbal a fol.22 u 121.

[10] Fol.27

minnhom dahal fil-garaxx minn go bieb li jinsab vicin fl-indana tal-bieb ta' barra, filwaqt li l-iehor taha daqqa ta' sieq bir-rkoptu go genbha. Intrabtulha saqajha peress li meta ppruvaw jorbtulha jdejha u halqa hi bdiet tissara maghhom. Dak li ghamilha ta' pustier poggilha sikkina ma ghonqha.[11] B'id wahda giet fgata u b'ohra nghalqilha halqa filwaqt li qalulha toqghod kwieta ghax joqtluha.[12]

Dak li dahal fil-garaxx bdew jirreferu ghalih bhala *"iz-Zebbugi"* u dak li tela' fuqha *"iz-Zabbari";* it-tnejn kienu mghammdin. Dak li ghamilha tal-pustier kien liebes gakketta bl-ghonq imtella l-fuq, kellu qisu *tights/pop sock* fl-abjad ma' wiccu w kien liebes berritta. Dak li baqa' maghha beda jzommha marsusa mat-tarag billi beda jaghfsilha jdejha fuq l-istonku taghha w fuq zaqqha.[13] Il-'pustier' kien mibni w ta' statura twila.[14] Meta dak li dahal fil-garaxx -"iz-Zebbugi" - sab ir-*recorder* tas-cctv, mar qaghad ghassa maghha, filwaqt li l-'pustier' dahal il-garaxx u ftit wara tela' fuq jghin lil siehbu.[15] Ma sar l-ebda diskors miz-'Zabbari', li wara li taha daqqa f'genbha baqa' tiela fuq. Iz-'Zebbugi', b'wiccu mghammad, dahal fil-garaxx filwaqt li l-'pustier' ghall-ewwel baqa' bis-sikkina ma ghonqha izda wara tela' fuq jghin liz-'Zabbari' filwaqt li z-'Zebbugi', baqa' ghassa maghha minfloku.[16]

Anna Sammut ipprezentat lista[17] tal-flus w oggetti li sabet nieqsa w cioe` flus ta' cekk li kien ghadu kemm issarraf fl-ammont ta' **€3,256;**[18] **€1,400** li kienu twarrbu ghal irhama tal-qabar; **€700** li kienu mwarrba ghall-quddies; xi **€50** ohra li kienu fil-portmoni u *mobile card* ta' **€20**. Insterqu wkoll ghad ta' **gojjelli w dehebijiet**: tlett pari imsielet, barbazzal, brazuletta, gizirana, lira tad-deheb, sitt crieket, erba' limi tad-deheb, ghaxar crieket, zewgt icpiepet, erba' gizirajjen, lima tad-deheb ohra u sitt pari imsielet.[19] Dawn id-dehebijiet kienu fil-kamra tas-sodda, fit-twaletta, fil-fond 30 Zardor, Triq-Gharghar 1979, Qormi. Il-malviventi damu xi nofs siegha go darha, u meta telqu hallewha marbuta ghalkemm qabel ma dawn hallew il-fond taghha, kienet tkarbet maghhom biex iholluha.[20] Ghall-ewwel kienet marbuta bil-qeghda, izda meta raw li bdiet tissara maghhom, middewha mal-art fuq it-tarag tant li it-truf tat-tarag

---

[11] Fol.28
[12] Fol.29
[13] Ibid.
[14] Fol.30
[15] Ibid.
[16] Fol.36
[17] **Dok.AS1** a fol.47. Original a fol. 35 fil-process **Il-Pulizija vs Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa**
[18] **Dok.AS** a fol.46
[19] Fol.31-32
[20] Fol.33-34

dahhlulha go darha x'hin bdew jaghfsuha mal-art.[21] Sammut tghid li fuq il-post sabet berritta hadra li ttiehdet mill-pulizija.[22]

Tispjega kif xi jiem qabel is-serqa kienet lemhet *pick-up* iswed li baqa' tiela l-bankina w gie maghha. Persuna wahda kien hemm fih u kien mghobbi bi skart goff bhal *fridges, geyzers* u *scrap iehor*.[23] Tixhed li wara s-serqa bdiet tiehu pilloli kontra d-*depression*.[24]

Sammut identifikat lil Patrick Mangion bhala dak li ghamilha tal-pustier, li zamm sikkina ma ghonqha u li kien liebes liebes kalzetta f'wiccu. Tghid li tahseb li kien hu minhabba l-istatura tieghu izda zzid dettal u cioe` li l-pustier kellu mustacci suwed.[25] Jigi sottolinejat li dakinhar tas-seduta kien biss Mangion li kellu daqna; Sammut ittenni li jidrilha li kien dan propju minhabba l-istatura tieghu.[26] Tiddentifika persuna ohra li kien mghammad u baqa' ghassa maghha u dan semplicement ghax kien l-iqsar fost l-imputati prezenti.[27] Dwar il-kalzetta li kien liebes il-pustier tghid li din kienet ta' materjal qisu *fish net* izda naqra hoxna, *"Qisu tights…jew pop socks..ma kienx naqra rqiq hafna imma jidher…qisu kulur il-laham imma aktar fl-abjad."*.[28] Lejn l-ahhar tax-xhieda taghha Anna Sammut tiddeskrivi il-hwejjeg li kienu liebsin il-malviventi: *"Tal-Posta qalziet iswed jew blue nahseb iswed kien, flok blue dan tas-suf qisu, imbaghad sidrija fuqu, l-ghonq imtella sa fuq nett hekk, bil-beritta bajda go rasu …. Bil-pizz, nuccali [tal-vista] mija fil-mija kien finta ghax malli dahal gewwa nehhieh….malli dahal gewwa nehhieh, jigifieri finta kien."*. Dak li baqa' maghha kellu maskra filwaqt li lil dak li tela` fuq ma ratux. *"Jien lilu [tal-posta] biss rajt, jien lilu biss ftaht, jien lill-ohrajn ma ftahtilhomx."*. Dak li bdew jghajjtulu 'iz-Zebbugi' kien liebes gakketta u qalziet suwed, qisha *track suit* wiesa, filwaqt li min tela' fuq gakketta hadra, li dehret wiesa wkoll.[29]

**L-Ispettur Fabian Fleri**[30] jaghti *overview* estensiv tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija li wassluha sabiex tiddentifika lill-imputat bhala komplici fis-serqa. Wara li sar rapport mid-derubata, saret inkjesta magisterjali; fost ohrajn

---

[21] Fol.34
[22] Fol.36-37
[23] Fol.34-35
[24] Fol.39
[25] Fol.41
[26] Fol.40-41
[27] Fol.40
[28] Fol.42
[29] Fol.43
[30] Ix-xhieda ta' Fleri li ttiehdet fil-proceduri **Il-Pulizija vs Patrick Mangion u Il-Pulizija vs Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa,** bi qbil mad-difiza giet inserita fl-atti ta' dan il-process; Vide verbal a fol.22.

inhatar espert sabiex jeleva *cctv footage* sitwat biswit il-fond tad-derubata, kif ukoll minn *cctv cameras* li hemm fit-triq. Il-pulizija giet awtorizzata tiehu kopja tal-*footages* elevati. Inhatret Dr. Marisa Cassar sabiex taghamel ezamijiet ghad-DNA minn fuq berritta li thalliet fuq il-post mill-malviventi.[31]

- *Il-Pick-Up*

Peress li Sammut kienet semmiet li xi jiem qabel kienet rat *pick-up* vicin ir-residenza taghha, il-pulizija gabru l-filmati tal-jiem precedenti ghall-11 ta' Jannar. Irrizulta li fit-3 ta' Jannar il-*pick up* ghadda quddiem ir-residenza taghha w meta Sammut giet murija l-filmat, osservat mal-pulizija li ghaddej quddiem il-bieb tar-residenza taghha, bl-istess ilbies tal-jum li fih sehhet is-serqa, deher ukoll dak li ghamilha ta' pustier. Fit-3 ta' Jannar fuq il-*pick-up* kien hemm xi hadid, filwaqt li dakinhar tas-serqa kien mghobbi bil-*pellets*. Dan il-*pick-up* gie identifikat bhala **Toyota Hilux, tal-marka Invincible ta' kulur iswed u fiz-zewg okkazzjonijiet kellu pjanci ta' registrazzjoni numru BBG-917**. Il-malviventi jidhru li damu 29 minuta fi-residenza ta' Sammut.[32] Fleri jsemmi kif *"Meta habbat dak li ghamilha ta' pustier u fethitlu l-bieb, il-persuni l-ohra gew b'dan il-pick up li semmejt, nizlu minnu u x'hin lestew wasal il-pick up, ghax il-pick up baqa' sejjer mar x'imkien iehor, il-pick up gie, rikbu u telqu, allura hemmekk stajna nikkonstataw li xi hadd mit-tlett persuni li kienu gewwa cempel lix-xufier ta' dan il-pick up biex jigi ghalihom ghax milli stajna nsegwu u mic-CCTV cameras ma baqax fil-vicinanzi immedjati imma mar aktar il-boghod."*[33]

Il-pulizija sabet li n-*number plates* tal-*pick-up,* BBG 917, jappartjenu ghall-vettura Isuzu NKR, li hu *removals van* irregistrat w uzat minn persuna li rrizultat estraneja ghal dan il-kaz. Wasslu ghal din il-konkluzjoni wara li nnuttaw li n-*number plates* fuq l-Isuzu qatt ma kienu nqalghu minn fuqu ghaliex il-boltijiet li kienu mwahhlin bihom kienu imsaddin, kif ukoll in-numru kien iccara bil-*wear and tear* filwaqt li n-*number plate* tal-*pick-up* jidher gdid fjamant minghajr it-toqob li jikkorispondu mat-toqob fuq il-pjanci tal-Isuzu. Il-materjal tal-pjanci tal-*pick-up* dehru ta' materjal differenti wkoll, pjuttost xi tip ta' *plastic* jew *perspex*. Dan wassal lill-investigaturi biex jikkonkludu li l-*pick-up* kellu pjanci foloz.[34]

- *Mark Anthony Cardona*

Hekk kif deher cjar mill-*footage* li dak li ghamilha tal-pustier kien Mark Anthony Cardona, intalbet il-*localization data* u *call profiles* mill-1 ta' Jannar sal-

---

[31] Fol.49
[32] Ibid.
[33] Fol.49-50
[34] Fol.50-51

jum tas-serqa tan-numru wzat minn Cardona, 77647570. Irrizulta li fil-hin li kien fuq il-post fit-3 ta' Jannar kif ukoll dakinhar tas-serqa, il-11 ta' Jannar, il-mobile jew kien mitfi jew ghamel perjodu ta' bejn saghtejn jew tlett sighat ma jintuzax.

- *Patrick Mangion*

Irrizulta wkoll li ezatt qabel ma mar fuq il-post fiz-zewg okkazzjonijiet, sar kuntatt ma' zewg numri partikolari li huma 99144941 u 79036607. Ingiebu l-*localisation* u *call profile* data ta' dawn in-numri, li ma kienux registrati, minn fejn irrizulta li kien hemm diversi kuntatti bejn dawn in-numri u dak ta' Cardona. Sadanittant kien hemm suspett li 99144941 seta' kien jappartjeni lil Mangion peress li kien hemm telefonati frekwenti lill-persuna li l-pulizija kienu jafu li hi l-*partner* tieghu, ma bintha, kif ukoll ma persuni maghrufa li jiffrekwentahom l-istess Mangion.[35]

- *Ryan Briffa*

Il-pulizija ssuspettat li n-numru l-iehor, 79036607, kien ta' Ryan Briffa minhabba l-kuntatti li saru minn fuqu. Mill-*localization data* tat-3 ta' Jannar kif ukoll tal-11 ta' Jannar, fil-hin li kienet qed issir is-serqa, rrizulta li l-mobile 99144941 suspettat bhala dak ta' Mangion kien fl-akkwati fejn sehhet is-serqa.

- *In-numru 79338063*

Il-*call profile* ta' dan in-numru wera li ezatt qabel ma' l-malviventi hargu mid-dar biex riekbu fil-*pick up,* Mangion ghamel zewg telefonati lin-numru 79338063, wahda minnhom *missed call* u ohra fejn min irceva t-telefonata rrisponda u qata'. Sa dak iz-zmien ma kienx ghadu maghruf lil min kien jappartjeni in-numru 79338063.

[35] Fol.51

- *Footage Detox Centre*

Il-pulizija sabet li kemm fit-3 u kemm tal-11 ta' Jannar, Mangion, Briffa u Cardona kienu marru d-Detox Centre; Briffa u Cardona marru flimkien siegha qabel. Ghalhekk ingabar l-*footage* tac-centru minn fejn irrizulta li Briffa u Cardona kienu lebsin l-istess hwejjeg li jidhru fil-filmat tas-serqa, apparti li Cardona kien zied il-*baseball cap*, in-nuccali tal-vista w s-sidrija li spjegat Anna Sammut.[36] Mangion kien mar ftit qabilhom. B'hekk inhargu mandati t'arrest ghalihom.

- *Arrest ta' Patrick Mangion*

Patrick Mangion gie arrestat hekk kif mar iwassal lis-siehba tieghu d-Detox u fil-karozza misjuqa minnu gie elevat *mobile* li kellu n-numru 99948152. Minn taht is-seat, instab *pouch (man bag)* ta' kulur blu w diversi cwievet. Saret tfittxija fl-appartament li fuqu ghandu rregistrata l-I.D. card tieghu, izda dan l-appartament huwa kompletament vojt u kien qed jigi *refurbished*. Il-*partner* tieghu qalet lill-pulizija li Mangion generalment jorqod fl-appartament taghha li jinsab fl-istess blokka. Ghalhekk saret tfittxija go dan l-appartament u fil-kexxun tal-komodina ta' fejn jorqod Mangion, gie elevat *mobile* tal-marka Samsung bl-IMEI Number 356456094743568 li jappartjeni lin-numru cellulari **99144941** li ntuza dakinhar tas-serqa. Gew elevati wkoll qalziet tad-ditta Puma kulur blue jixbah dak li ntuza fis-serqa, *hoodie* tal-marka Puma li ntuza fis-serqa u l-kaxxa tal-*mobile* Samsung tal-istess numru li kienet wara t-*television* fl-istess kamra.[37]

Mill-*phone book* tac-cellulari li nstab fil-vettura ta' Mangion, irrizulta li kellu n-numri kollha li ssemmew bhala li jappartjenu lill-persuni l-ohra involuti u cioe`:

in-numru **79036607** li kien registrat fuq l-isem 'Kanna'; Ryan Briffa hu maghruf bil-laqam 'Kanolla';
in-numru **79647570** li kien registrat darbtejn bhala 'Marco';
in-numru **99144941** kien registrat fuq l-isem 'Pat'.[38]

Fid-29 ta' Jannar filghodu gie arrestat Patrick Mangion.

---

[36] Fol.51-52
[37] Fol.52
[38] Ibid.

- *Arrest ta' Ryan Briffa*

Fl-4pm gie arrestat Ryan Briffa f' Imdina Road, Haz-Zebbug, waqt li kien qed isuq vettura tal-marka Peugeot 106, ta' kulur ahmar, bin-numru DBR 596. Fuq il-persuna tieghu nstab *mobile* Nokia, *dual sim*, u cioe` b'zewg IMEI numbers li kienu 358081425836 u 358566080847831 fejn is-*sim cards* kellhom in-numri 99699161 u 79036607. Hu propju **79036607** li kien t'interess ghall-pulizija. Briffa kien liebes qalziet ta' *track suit* ta' kulur blu tad-ditta Athletic Sports li kien mar id-Detox bih dakinhar tal-11 ta' Jannar; liema qalziet gie elevat.[39]

- *Arrest ta' Mark Anthony Cardona*

Mark Anthony Cardona gie arrestat fl-istess jum mir-residenza ta' ommu minn fejn gie elevat Samsung Galaxy S4 *mobile* IME number 36845057952317 li kellu *sim card* **77647570**; dan kien in-numru t'interess ghall-pulizija. Instabu wkoll zewg *mobiles* ohra tal-marki Nokia u Samsung li kienu bla *sim card*. Gew elevati wkoll gakketta, sidrija ta' kulur iswed tad-ditta Anna Morelle w zarbun *slip-on*, size 41, ta' lewn kannella, li mill-*footage* jidher liebes meta ghamilha ta' pustier.[40] Meta gie interrogat, innega li kien hu li jidher fil-filmat filwaqt li qal li jaf lil Briffa peress li gieli marru d-Detox flimkien wara li l-istess Briffa kien jghaddi ghalih fir-residenza tieghu.[41]

Fl-ahhar tax-xhieda tieghu Fleri jissotolineja li dakinhar tas-serqa Cardona kellu l-istess dehra tal-jum li fih gie arrestat u cioe` kellu daqna ittrimjata forma ta' linja bil-mustacci. Dan jixhduh il-*mug shots* li ttiehdulu esebiti fl-atti tal-procediment fil-konfront tieghu.[42]

Gie esebit il-**Current Incident Report**[43] dwar is-serqa w certifikat mediku dwar Anna Sammut.[44]

Riprodott Fleri jkompli max-xhieda precedenti tieghu: *"…wara illi rrizulta li hemm it-telefonata, li* ***saret it-telefonata fuq mobile number 79338063*** *waqt li l-malviventi kienu gewwa ir-residenza u din it-telefonata saret ezatt malli spiccat is-serqa u kienet it-telefonata li saret* ***max-xufier tal-vettura li ntuzat u cioe' Toyota Hilux*** *ta' kulur iswed biex imur lura ghalihom irrizulta illi* ***wara l-arrest ta' Mangion fil-mobile tieghu irrizulta li n-numru 79338063 kien qieghed irregistrat fil-phone book bl-isem ta' Mikiel [recte: Mikil].*** *Irrizulta wkoll li dan in-numru 79338063*

[39] Fol.53
[40] Ibid.
[41] Ibid.
[42] Fol.56
[43] Fol.60-66.
[44] Fol.67.

*<u>din il-linja bdiet tintuza biss bejn it-3 ta' Jannar u l-11 ta' Jannar ta' din is-sena u l-area tal-localisation fejn kienet qed tintuza kienet kwazi dejjem tinqabad mir-repeater li hemm fuq is-showroom tat-Toyota tal-Easysell</u>, filfatt bdew isiru rondi regolari u kontinwi minn naha tal-Pulizija f'din iz-zona biex naraw ninnutawx vettura ta' dik l-ghamla u l-kulur f'dik iz-zona. Irrizulta ukoll illi minn informazzjoni li rcevew il-Pulizija irrizulta li Mangion kien qed ikun fil-kumpanija ta' certa Michael Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 500865(M), fejn anki qed naghraf lill-imputat f'din l-Awla u kienu jkunu flimkien fil-vicinanzi tal-Marsa.*[45] *L-informazzjoni li kellna wkoll kienet li Michael Mifsud kien qed jaghmel uzu minn Toyota Hilux ta' kulur iswed, filfatt f'din ir-ronda, l-Pulizija bdew jinnotaw illi gewwa Haz-Zebbug innutaw vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni BCJ 762 u dan irrizulta li kien irregistrat fuq certa Clint Christ Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 272182(M). Minn aktar indagni li saru mill-Pulizija rrizulta li dan it-Toyota li Clint Christ Mifsud kien l-gharus tat-tifla ta' Michael Mifsud.*[46] *Meta ittiehdu xi ritratti ta' din il-vettura u gew imqabbla ma' dak li kien jidher fuq ic-CCTV cameras u rrizulta li kien hu u dan ghar-ragunijiet illi certa karatteristici fil-vettura li tidher fic-CCTV li ntuzat mill-malviventi kienu ezatt bhal din il-vettura u dawn kienu il-bull bar, il-batch [recte: badge] tal-marka invincible fuq in-naha ta' isfel tal-bieba tax-xufier, certa marki tan-nickle ukoll u plus hekk innutat ukoll fic-CCTV il-vettura li ntuzat kellha apparti l-aerial normali li jkollha l-karozza, kellha aerial iehor qisu bhal tal-VHF zghir imwahhal mal-windscreen fin-naha ta' fuq tax-xellug tal-windscreen ta' quddiem. Konna accedejna ukoll ghand is-showroom tat-Toyota fejn tkellimna ma' xi salesmen hemmekk u rajnihom dawn il-karatteristici fuq il-vettura li kienet tidher fic-CCTV fejn fhemuna li dak il-van partikolari ma kienx ta' Malta minhabba certa extras li kien fih imma kien tal-Ingilterra filfatt meta ccekkjajna fuq il-vettura li nstabet ghand Michael Mifsud irrizulta li din giet impurtata mill-Ingilterra. Qalulna wkoll li kellu certa affarijiet li huma extras li trid thallas ghalihom u ma tantx huma daqshekk komuni u meta staqsejnihom fuq dak l-aerial specifikament li ghadni kemm spjegajt fejn hu u x'kien qalulna li dak ma huwiex tat-Toyota izda gie mwahhal minn kumpanija li ma hijiex tat-Toyota.*[47] *…… fis-7 ta' Frar dan it-Toyota rega' gie nnutat ipparkjat Haz-Zebbug vicin ir-residenza tas-Sur Michael Mifsud fejn il-Pulizija baqghu mieghu sakemm sussegwentament kien wasal fuq il-post sidu Clint Christ Mifsud li dan gie arrestat u gie arrestat ukoll imbaghad Michael Mifsud li kellu c-cwievet ta' din il-vettura, filfatt Clint Christ Mifsud kien spjega lill-Pulizija li hu kull ma kien jaghmel uzu kien rari hafna ta' din il-vettura u dan kien ikun nhar ta' Hadd biss, izda l-vettura <u>hu kien bieghha lil Michael Mifsud</u> u l-uzu kien jaghmel taghha kien jaghmlu Michael Mifsud.*[48] *……Michael Mifsud kien gie interrogat iktar minn darba Sinjura Magistrat u huwa kien cahad kategorikament illi hu qatt kien involut f'din is-serqa anzi qal lil Mark Anthony Cardona li lanqas biss jafu. Hu qatt ma rah, qalilna li lil Ryan Briffa jafu just by sight jew li xi darba jew ohra sellimlu ghax huma t-tnejn minn Hal-Qormi*

---

[45] Fol.238

[46] Fol.238-239

[47] Fol.239

[48] Ibid.

*u ghar-rigward ta' Patrick Mangion kien qalilna li xi kultant, kumbinazzjoni kien jiltaqa' mieghu u kien jitolbu xi ghajnuna biex jghinu jnizzel iz-zwiemel tieghu li hu kellu go ghalqa vicin is-showroom tat-Toyota biex inizzilhom il-Marsa ghaliex hu kien isuq iz-zwiemel fit-tigrijiet tal-Marsa.* ***Irrizulta wkoll li Michael Mifsud kien qed jaghmel uzu minn mobile number 79359367 u 79359373****."*[49]

Kif il-pulizija wasslet ghal din il-konkluzzjoni rigward in-numru ***79359373***, jibqa' ma jigix pruvat lanqas remotament, kif ser jigi osservat aktar il-quddiem.

**L-Ispettur Lydon Zammit** ikkonferma r-rakkont dwar kif sehhet is-serqa w dan skond ma Anna Sammut qalet lill-pulizija.[50] Meta ezamina l-filmat ta' *camera* installata ma garaxx biswit ir-residenza ta' Sammut, xi siegha qabel is-serqa, dehret persuna li Sammut tiddeskrivi bhala l-'pustier' ihabbatilha l-bieb. Jerga' jidher ghall-habta tas-1pm, ihabbat u jidhol gewwa. Jixhed f'dettal dwar l-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija li wasslu sabiex jitressqu diversi persuni in konnessoni ma din is-serqa:

*"F'daqqa wahda ftit wara jidher jasal Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni BBG 917 fejn jidhru hergin zewg persuni ohra minn go fih u jidhlu f'din ir-residenza. Madwar nofs siegha wara qisu ghall-habta tas-siegha u disgha u ghoxrin minuta jidhru dawn it-tlett persuni jergghu johorgu mir-residenza waqt li l-istess Toyota Hilux bl-istess number plate, kien qed jistennihom gie madwar 30 sekonda qabel kien qed jistennihom quddiem ir-residenza dahlu fih u saq. Saru identifikazzjonijiet minn naha tal-Ispettur Fabian Fleri lil min kien jghajjat BBG 917 …, gie kkonfermat li huma ta' Isuzu NKR u ….. gie kkonfermat li n-number plates li kienu fuq it-Toyota Hilux ma kienux jghajjtu lit-Toyota Hilux u li kienu foloz. Waqt l-investigazzjoni irrizultalna minn informazzjoni wkoll li il-persuna li ghamilha ta' postman, l-ewwel wiehed kien certu Mark Anthony Cardona. Gie kkonfermat ukoll li kemm it-Toyota Hilux u kemm l-istess persuna li ghamilha ta' postman kienu marru fit-tlieta ta' Jannar 2019. Din giet kkonfermata wkoll id-data mill-vittma innifisha li qaltilna li kienet rat l-istess van idur fl-akkwati fit-3 ta' Jannar u filfatt kienet anke tatna l-hin u kollox u d-data u ghalhekk stajna naslu f'dik id-data ezatt mill-istess sistema tac-CCTV morna ahna rajna dawn l-affarijiet. Gie kkonfermat li* ***Cardona juza in-numru 77647570*** *tal-kumpanija Melita, fejn jien minn naha tieghi tlabt call profile tal-persuna fejn gibt mill-call profile irrizulta li fit-3 u fil-11 ta' Jannar fost granet ohra imma l-aktar f'dawk il-granet sar kuntatt frekwenti fuq in-numru* ***79036607*** *li huwa tal-kumpanija Go li skond is-sistema taghna* ***kien jghajjat lil Ryan Briffa*** *kif ukoll kien hemm kuntatti frekwenti kemm fit-3 ta' Jannar u kemm fil-11 ta' Jannar kemm fil-hinijiet u kemm matul is-serqa lil numru* ***99144941 li*** *iktar minn investigazzjoni aktar tard kien irrizultalna li* ***kien ta' certu Patrick Mangion.***[51]

---

[49] Fol.240
[50] Fol.86
[51] Fol.87

*Sar ir-request fuq rigward localisations fuq dawn it-tlett mobiles fejn irrizulta li il-mobile ta' Cardona fil-hin li saret is-serqa ma ntuzax jigifieri ma kienx hemm localisation ta' Briffa kien l-istess izda ta' Mangion kien hemm il-localisation, in-numru li ahna abbinajna ma' Mangion in-99144941 gie kellu localisation li kienet fl-area tar-residenza fejn saret is-serqa.*[52] *Mill-call profile ukoll fuq dan in-numru 99144941 irrizulta li kien hemm 3 telefonata waqt tnejn saru u wahda ircieva lil numru* ***79338063****. Dawn saru ezatt fis-siegha u 29 minuta [1:29pm], u fis-siegha u tletin minuta [1:30pm], il-hin ezatt li t-Toyota Hilux qed jasal fuq il-post u il-persuni qed jirkbu fih. Minn dan in-numru is-****79338063** *….****saru calls biss fuq in-numru 99144941 li ahna minn naha taghna kien qed jigi abbinat ma' Patrick Mangion. U dan in-numru ukoll is-79338063 intuza biss mit-3 ta' Jannar sal-11 ta' Jannar jigifieri t-time span li ahna l-ewwel darba li huma marru fuq il-post sakemm saret is-serqa, minn dak il-hin qabel u l-hin wara dak in-numru qatt ma ntuza***[53]

*Minn aktar informazzjoni irrizulta li kemm fit-3 ta' Jannar u kemm fil-11 ta' Jannar, Briffa flimkien ma' Cardona kienu marru madwar siegha qabel id-detox flimkien, dan gie kkonfermat ukoll minn CCTV li hadna tad-Detox, kemm Cardona jidher fil-11 ta' Jannar, kien liebes kemm l-istess hwejjeg li meta habbat u ghamilha ta' postman huma l-istess hlief li kien zied sleevless fuq il-hwejjeg li kellu.*[54] *Intallbu il-mandati ghal tlett persuni u fid-29 ta' Jannar 2019, wara li kellna n-nies minhabba li konna infurmati li dawn kienu jmorru d-Detox kellna n-nies fl-akkwati ghall-habta tal-11 gie Patrick Mangion fl-akkwati tad-Detox fejn gie arrestat minn PS 1337, PC 1404 u PC 1541. Fuqu instab mobile phone, IPhone 7 bin-numru 99948152. Saret search mill-Pulizija li gie arrestat flimkien mal-partner tieghu, kemm fir-residenza tieghu l-Belt u kemm fir-residenza ta' fejn konna infurmati li kien qed jghix u fil-post instab mobile phone Samsung bin-numru 356459474358 li minn fuqu skond il-verifiki li ghamilna mas-service provider kien intuza n-numru* ***99144941*** *li sar il-kuntatt ma' dak in-numru kien intuza minn dan il-mobile li nstab fir-residenza fil-kamra tas-sodda, fejn konna infurmati mill-partner tieghu ukoll fejn kien qed joqghod. Wara verifiki li saru anke fuq l-IPhone 7 instab fil-pussess ta' Patrick Mangion instab in-numru* ***79333063 li sar il-kuntatt waqt li t-Toyota Hilux kien gej fuq il-post kif ukoll il-persuni, l-aggressuri kienu hergin mir-residenza imnizzel bhala Mikiel [recte: Mikil]….***

*……*

*Fid-29 ta' Jannar 2019 gie arrestat ukoll Ryan Briffa ……fuqu kien instab mobile phone Nokia li kellu zewg sim cards li kienu 99699161 kif ukoll* ***79036607****. Hu kien liebes qalziet tat-track suit blue tal-athletics sports li kif wasal id-depot u kif saret search fir-residenza tieghu ma nstab xejn suspettuz, ittiehed id-depot, gie b'qalziet iehor u biddel*

[52] Ibid.
[53] Fol.87-88
[54] Fol.88

*dan il-qalziet, li minn naha taghna minn dan l-istess qalziet kien il-persuna, t-tieni persuna li dahlet fir-residenza kien liebes l-istess qalziet tieghu. ……… hu rrifjuta li jwiegeb ghal kull mistoqsija filfatt lanqas id-dettalji tieghu personali ma ta waqt l-istqarrija. Fid-29 ta' Jannar ukoll 2019, gie arrestat certu Mark Anthony Cardona, t-tielet persuna li kellna suspett li wettaq din is-serqa. Hu gie arrestat mir-residenza tieghu …… u instab numru ta' mobile phones, s-sleevless jacket u s-slipper li fuq dawn it-tnejn li hemm suspett li kienu l-istess hwejjeg li intuzaw mill-ewwel persuna li mar ihabbat lill-vittma u dahlet fir-residenza.*[55]

*….. Minn naha taghna kompla l-investigazzjoni rigward it-Toyota Hilux li kienu waslu fuq il-post bih, kif ukoll l-persuna li kien qed isuq it-Toyota Hilux. Minn informazzjoni li kienet wasslitilna kien Patrick Mangion kien qed ikun fil-kumpanija ta' certu Michael Mifsud,*[56] *minn iktar verifikazzjoni* ***fuq il-mobile ta' Patrick Mangion kellna n-numru 79338063 li sar kuntatt ftit hin qabel ma sehhet is-serqa fuqu kien bhala Mikiel [recte: Mikil]****. Il-localisations li ngibu minn fuq dak il-mobile*[57]*…. kien qed jindika li hafna mill-hin, aqta' ftit li kien hemm tas-serqa u xi hinijiet zghar ohra li beda' jaqbad mar-repeater tal-Easysell li qeghda vicin l-ghelieqi li jzomm anke xi zwiemel Michael Mifsud. Minn aktar informazzjoni jew iktar investigazzjoni li ahna bdejna naghmlu minn naha taghna, jidher li Michael Mifsud kien qed juza' certu vettura Toyota Hilux li ghalkemm ma kinetx irregistrata fuqu izda kien repetutament kien qed juza din il-vettura. Ittiehdu xi ritratti ta' Michael Mifsud u tal-vettura tieghu, ta' din il-vettura t-Toyota Hilux u meta bdew isiru l-verifiki mat-Toyota Hilux li deher fuq il-filmat, kif mat-Toyota Hilux li kien qed juza Michael Mifsud kien hemm affarijiet identici li komplew iqajjmu suspett li seta' kien l-istess van li ntuza waqt is-serqa. Fost l-ohrajn kien hemm il-windbreakers fuq kull naha li mhux kull Toyota Hilux ikollu, kellu l-bullbar ta' quddiem li hija rarissima fuq Toyota u kellu aerial fuq in-naha tal-passiggier, aerial zghir li ma huwiex tat-Toyota u li ma huwiex xi haga li tista' zzid kienet normali zzidha fuq Toyota Hilux li kemm fil-filmat u kemm fit-Toyota Hilux li gie li beda' jaghmel uzu minnu Michael, it-tnejn li huma huma identici ta' xulxin. Dan it-Toyota Hilux li qed insemmi ghandu n-numru tar-registrazzjoni BCJ 762, u minn skond l-informazzjoni li kellna u skond is-sistema taghna kien jghajjat lil certu Clint Chris Mifsud…. irizulta li c-cavetta biex infetah il-van kien tahilhom Michael Mifud u mhux Clint.*[58] *…… Clint ikkonferma li l-van, hu jigi minn Michael Mifsud u li l-van hafna drabi jintuza minn Michael Mifsud u kkonfermalna li hu juzah forsi darba l-Hadd meta jkollu xi qadja jaghmilha bih il-hadd. Matul il-gimgha u f'hafna granet jintuza minn Michael Mifsud.*[59] *…. qalilna wkoll meta gie mistoqsi rigward il-11 ta' Jannar u t-3 ta' Jannar fejn kien fejn qalilna li hu jahdem u jigbor xi xoghol u materjal minn restaurants differenti u anke pproduca dokumenti li f'dik il-gurnata f'restaurants differenti li kien mar u gabar dawn il-*

[55] Fol.88-89
[56] Fol.89
[57] Fol.89-90
[58] Fol.90
[59] Fol.90-91

*materjal. Sussegwentament Michael Mifsud kien arrestat mill-Pulizija minn gor-residenza tieghu Block A2 Flat 6, Triq t-Taqtiegha Haz-Zebbbug fejn infurmaw, waqt is-search instab mobile Nokia bin-numru* ***79359367……Mill-localisation li ircevejna iktar tard irrizulta li n-numru 79359367 instab fil-pussess ta' Michael Mifsud fil-hinijiet li sehhet is-serqa jigifieri fil-11 ta' Jannar minn bejn is-siegha u s-siegha u nofs kien fl-area tar-residenza ukoll jigifieri kien fi Triq Anici u Triq id-Dragun Hal-Qormi, fiz-zmien fl-ghalqa fejn qeghda ta' Michael Mifsud hafna drabi r-repeater li taqbdu hija tal-Easysell".***[60] Clint Mifsud hu l-*partner* ta' bint l-imputat.[61]

Isemmi li ttiehdu zewg interrogazzjonijiet ta' Michael Mifsud, fis-7 ta' Frar, 2019, u fit-8 ta' Frar, 2019, fejn dan **ikkonferma li l-van kien juzah hu l-iktar** u mhux Clint. Stqarr li kien jaf lil Patrick Mangion peress li bhalu dilettant taz-zwiemel u meta kien jarrah ghaddej hdejn l-ghalqa tieghu kien jitolbu jghinu imbaghad jikkumpensah. Lil Ryan Briffa jafu ghax minn Hal-Qormi izda ma kienx jaf lil Mark Anthony Cardona. Meta gie mistoqsi jekk dawn it-tlieta qatt rikbu fil-*pick-up*, stqarr li Mangion seta' rikeb meta kienu jnizzlu z-zwiemel izda mill-bidu tas-sena ma kienx rikeb fih.[62] Meta gie muri r-ritratti sahaq li kien sarlu *frame-up* minhabba li l-van ma kienx l-istess wiehed. Dan ghaliex is-*side windows* kienu aktar skuri minn dawk tal-van li kien juza kif ukoll il-kukkarda taz-zwiemel li kellu mal-mera ma tidhirx fuq il-vettura li ntuzat fis-serqa.[63]

L-Ispettur Zammit spjega kif in-numru **79359373,** li kien imnizzel fuq il-*phone book* ta' Patrick Mangion, kien registrat fuq l-isem *'Makkil'*.[64] Irrizulta li dan in-numru ntuza mit-3 ta' Jannar sal-11 ta' Jannar u dejjem fl-akkwati ta' Haz-Zebbug u Hal-Qormi fejn f'hafna drabi inqabad mir-*repeater* tal-Easysell. Il-*mobile* bl-IMEI number 35825405880706, li ntuza bis-*sim card* numru **79338063** (li l-pulizija ssostni ntuza mix-xufier tat-Toyota), ntuza wkoll b'*sim card* numru 793593**74**. Dan in-numru hu vicin hafna dak uzat minn Michael Mifsud 793593**67.** Wara verifiki li saru mill-pulizija sar maghruf li hafna hafna drabi meta jinxtraw numru ta' *sim cards* f'daqqa, in-numru jkun vicin ta' xulxin jigifieri bhan-numru 79359367 u dan peress li jkunu inxtraw mill-istess hanut.[65] Issemmi kif saru verifiki mal-azjenda li timporta t-Toyota f'Malta fejn il-pulizija giet mgharrfa li *wind breakers*, ghalkemm vetturi gieli johorgu bihom, mhux xi haga tat-Toyota. Dwar il-*bull bar* intqal lilhom li din hi rarissima ghalkemm hija xi haga tat-Toyota. Izda dwar l-*aerial* zghir li kien jintuza ghal GPS jew VHF radio, ma setghu jghidu xejn peress li ma kienitx xi haga tat-Toyota. Michael

[60] Fol.91
[61] Fol.94
[62] Ibid.
[63] Fol.92
[64] Vide wkoll fol.93
[65] Ibid.

Mifsud meta mistoqsi dwar l-*aerial* kien qallu li ma kienx jaf ghal x'hiex jintuza.[66] Zammit ikompli jispjega li saru ezamijiet tad-DNA fuq il-beritta li nstabet fir-residenza ta' Sammut.[67] Il-qalziet li kien liebes Ryan Briffa dakinhar li gie arrestat hu l-istess qalziet li kien liebes meta mar id-detox u li jidher liebes meta ghamel is-serqa.[68] L-ispettur Zammit ghadda biex esebixxa, *inter alia, mobile phone* Nokia,[69] tlett CDs tal-interrogazzjoni *audio-visual* tal-imputat[70] kif ukoll giet esebita formalment il-vettura Toyota bin-numru BCJ-762.[71]

Jigi sottolinejat mill-ewwel li **l-prosekuzzjoni baqghet ma esebietx formalment il-*mobiles* li tallega li jappartjenu lil Briffa, Cardona u Mangion. Ma talbet ghall-ebda analizi taghhom f'dawn l-atti. Ma pproducietx *service providers* biex jiddikjaraw lil min kienu japparjenu il-*call numbers* li jissemmew, analizi ta' dawk in-numri w jekk dawk il-persuni kellhomx *call numbers* registrati fuqhom.**

**Lanqas ma resqet l-ebda xhud biex jikkonferma il-*coverage span* tal-*antennas/cell towers* partikolari li qabdu t-telefonati li jissemmew mill-investigaturi, kif lanqas ma ttella' xi rapprezentant tal-Go Mobile biex jixhed dwar kemm kien minnu li *sim cards* b'numri vicini jkunu inxtraw mill-istess *point of sale*.** Ghalkemm jissemma l-IMEI 35825405880706, l-atti huma nieqsin minn provi li jissostonzjaw dak li jixhed dwaru l-Ispettur Zammit. **Jibqa' mhux pruvat permezz ta' provi ammissibli (u cioe` li ma jammontawx ghal *hearsay*) ghal liema *mobile/call number* jirreferi dan l-IMEI!**

Osservazzjoni simili ghal dik appena maghmula tirrigwarda l-mankanza assoluta ta' rapprezentant tat-Toyota sabiex jixhed dwar l-*extras* partikolari li kellha l-vettura wzata mill-imputat, u dwar kemm kien komuni li l-*extras* partikolari kollha li ghandha l-vettura ta' Mifsud, jinsabu fuq vetturi ohrajn.

Il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq xi prova dwar kif il-*call numbers* li jissemmew fl-investigazzjoni taghhom **kienu kollegati ma xulxin.** Il-Qorti ghandha quddiemha ***call profile* wiehed,** dak tan-numru **79359367.**

Minflok provi li jimmanifestaw dan, din il-Qorti ghandha quddiemha biss rakkonti dwar dak li rrizulta lill-investigaturi. Izda l-evidenza li tissostanzja r-rizultanzi taghhom hi ghal kollox nieqsa bil-probabilita` tkun li l-prosekuzzjoni

[66] Fol.93
[67] Ibid.
[68] Fol.94
[69] Fol.95; **Dok.LZM** a fol.97/97a u **Dok.LZM1** a fol.98 (ricevuta re mobile phone Nokia model RM-1110, zewg IMEIs u *sim card*)
[70] Fol.95; **Dok.LZM 4** sa **Dok.LZM6** a fol. 101-103
[71] Fol.95; **Dok.LZ Car** a fol.103A

bbazzat il-kaz taghha intjerament fuq il-premessa li l-van uzat mill-imputat hu l-istess wiehed li ntuza ghas-serqa!!

*Interrogazzjonijiet tal-Imputat*

Fl-ewwel interrogazzjoni tieghu, mehuda is-7 ta' Frar, 2019, Mifsud jistqarr li **kien jaghmel uzu mit-Toyota Hilux** biex inizzel iz-zwiemel u jixtri c-cana w Clint, l-gharus ta' bintu, kien juzah xi darba l-Hadd jew biex imur jixtri.[72] Kien juzah madwar darbtejn fil-gimgha w meta ma kienx juzah hu, Clint ma kienx juzah lanqas ghax kien jahdem b'vann iehor. ***"Ghandi cavetta jien** u hu ghandu cavetta ohra",* u kien hu li taha c-cavetta lill-pulizija.[73] Dwar il-jum tal-11 ta' Jannar qal li ma jistax jiftakar x'ghamel ezatt izda generalment wara li kien jiehu t-te`, kien jinzel jaghlef u jarma z-zwiemel fuq barra. Gieli tela' sar-Rabat biz-ziemel sakemm ma kienx jibqa' fl-ghalqa jara ghall-htiegijiet taz-zwiemel.[74] Jaf lil Patrick Mangion ghax minn Hal-Qormi w kien jixtri minghandu jew minghand missieru.[75] Gieli kien jarrah fit-triq u jirranga mieghu biex imur jghinu. Ma jiftakarx meta rah l-ahhar imma kien il-*weekend* tal-gimgha ta' qabel.[76] Mill-bidu tas-sena (2019) ma rikibx fil-*pick-up.*[77] Qatt ma mar ma Mangion f'xi post ghajr ghal Marsa u fl-ghalqa.[78] Patrick Mangion kien issejjahlu *"Mich [recte: Mik].*[79] *Mobile* tieghu ma kellux,[80] *"Qatt ma kellji mowbajl tieghu."*[81] Jghid li kien ilu bin-numru tal-*mobile* 79359367[82] u jinnega li kellu numru 79359373.[83] Imbghad **minghajr hadd ma jtarraflu kif kien registrat ismu fuq in-numru li nstab li qed jintuza minn Mangion jghid *"issa jekk nizzel isem Mich [recte:Mik] jew Mikiel [recte: Mikil]. ... "*.**[84]**In-numru misjub fil-*phone book* tal-*mobile* ta' Mangion kien registrat fuq 'Mikiel' *[recte: Mikil].*** Mifsud jinsisti li qatt ma kien jaghmel uzu min-numru 79338063.[85] Muri l-*footage* jinnota li l-hgieg tal-vettura li ntuzat ghas-serqa kien iswed.[86] Jinsisti li fix-xahar ta' qabel, Jannar 2019, ma kienx ghadda minn quddiem id-dar misruqa, *"Le, le, le, le…..Qed nghidlek, le, le, le…[bil-van] ..le ma kontx…Le, ma*

[72] Fol.129-130
[73] Fol.132-133
[74] Fol.134
[75] Ibid.
[76] Fol.135
[77] Fol.137
[78] Fol.137-138
[79] Fol.138
[80] Fol.140
[81] Fol.141
[82] Fol.142
[83] Fol.143
[84] Fol.145
[85] Fol.146
[86] Fol.151-152

*kontx, ma kontx, ma kontx….Ma ninzilx l hemm le, le, ma ninzilx 'l hemm, ma ninzilx 'l hemm".*[87] Jikkonferma li jaf lil Ryan Briffa mlaqqam *"l-Kanola"* izda ma jiltaqax mieghu.[88] La qatt kellmu w lanqas qatt kienu f'vettura flimkien.[89] Lil Mark Anthony Cardona ma jafux, u Briffa qatt ma mar ir-razzzett. [90]Ikun ir-razzett *"il-hin kollu"*.[91] Lil Patrick Mangion *"lanqas qatt cempiltlu jien"*,[92] u lanqas kien jaf li gie arrestat in konnessjoni ma serqa.[93]

It-tieni stqarrija tieghu ttiehdet nhar it-8 ta' Frar, 2019. Jinnega li biddel il-pjanci tal-van.[94] Innega wkoll li wahhal xi haga mas-*side windows* bhal *tinted "Le qatt ma missejthom".*[95] Mistoqsi dwar l-*aerial* zghir fuq il-*windscreen* in-naha tal-passiggier jghid li ma kienx jaghti kasu u ma jafx ghal xhiex inhu.[96] **Jinduna li l-hgieg hu differenti izda mhux bl-*aerial!!*** Jinnega li cempel lil Patrick Mangion jew li kien mifthiem mieghu jew mal-malviventi biex jigborhom wara s-serqa.[97] Ippressat fuq telefonati li allegatment saru minn Mangion lil persuna rregistrata bl-isem **'Mikiel' [recte: Mikil] bin-numru 79338063** fil-hin tas-serqa, u ghall-fatt li n-numru 79359373 kien mnizzel fuq il-*phone book* bhala 'Makkil', jieqaf milli jkompli jwiegeb ghad-domandi li bdew isirulu.[98] Izomm sieket ukoll meta jerga' jigi mistoqsi dwar il-persuni l-ohra involuti fis-serqa.[99]

It-tielet stqarrija ttiehdet fis-27 ta' Frar, 2019. Mifsud jghid li Clint Mifsud u bintu jghixu Haz-Zebbug vicin tieghu. Il-*pick-up* Toyota Hilux ghalkemm registrat fuq Clint, dan juzah biss meta ma jkunx xoghol bhal Hadd. Il-bqija **juzah hu w qatt ma selfu lil hadd**.[100] Jinsisti li qatt ma garr *pellets* bih imma cana.[101] Ma Mangion kien jiltaqa' mieghu b'kumbinazzjoni izda ma kienux jikkomunikaw telefonikament. Talli kien jghinu kien itieh €20.[102] Lil Ryan Briffa kien ilu ma jarrah u lil Mark Anthony Cardona ma kienx jafu.[103] Ikkonfrontat bil-fatt li l-vettura li ntuzat ghas-serqa, li tidher fil-*footage,* kienu l-istess bhal

[87] Fol.155-157
[88] Fol.157
[89] Fol.157-158
[90] Fol.159
[91] Ibid.
[92] Fol.160
[93] Fol.163
[94] Fol.166-167
[95] Fol.168
[96] Fol.169-171 u 173
[97] Fol.176-178
[98] Fol.178-
[99] Fol.178-181
[100] Fol.185-187
[101] Fol.187-188
[102] Fol.189
[103] Fol.189-190

vettura wzata minnu w li dak li ntuza ghas-serqa kellu pjanci foloz, l-imputat ikompli jinnega l-involviment tieghu.[104] Jallega li sar *frame-up* fil-konfront tieghu biex il-*pick-up* uzat minnu sar jixbah dak uzat fis-serqa.[105] Mifsud jigbed l-attenzjoni tal-pulizija li l-van li juza hu ghandu kukkarda filwaqt li dak li ntuza fis-serqa ma kellux.[106] Jerga' jsemmi li l-hgieg tal-van li ntuza mill-malviventi kellu l-hgieg suwed izda mbghad jaghmel allegazzjoni serjissima fil-konfront tal-awtoritajiet investigattivi fejn jallega li *"ghamiltu li ridtu bih….lanqas karta ma tajtuna x'fih u ma fihx il-vann…M'jien qed neskludi xejn"*.[107] **Mitlub jispjega kif jikkomunika ma Patrick Mangion jekk mhux ghax ikun ltaqa' mieghu jinsisti li qatt ma kien iccempillu. Dan minkejja li jghid li ilhom jafu xulxin mill-2001 u kien ta' spiss ikun fil-kumpanija tieghu l-Marsa meta jkun ser inizzel iz-ziwemel tieghu ghat-tigrija**! Ikkonfrontat bil-fatt li fil-hin li kienet qed isir is-serqa, *localization data* wriet li kien fil-vicinanzi, u cioe` fi Triq Anici u Triq id-Dragun, Qormi, jghid li ommu toqghod Triq Pinto.[108] Jibqa' jinnega li wassal lit-tlett malviventi biex jaghmlu s-serqa *"Fl-ebda hin, fl-ebda hin"*.[109]

**Jibqa' ma jigix ppruvat liema *repeater/cell tower* taqbad Triq Pinto jew Triq l-Gharghar; l-istess bhal ma jigix ppruvat fejn jinsabu l-ghelieqi tal-imputat u dak ir-*repeater/antenna* li jaqbad dik l-akkwata!!**

**L-Ispettur Roderick Agius** kien mar fuq il-post derubat meta sar ir-rapport relattiv. Jixhed,*"Jien dak il-hin stajt nosserva illi l-persuna Anna Sammut kienet fi stat qawwi ta' paniku, kienet agitata u kienet bilkemm tiflah titkellem, titrieghed u kienet tidher bezghana hafna. Meta wasalt Sinjura Magistrat, stajt nosserva r-residenza li kif tasal, kif tiftah il-bieb tar-residenza hemm tarag twil ta' madwar tlett sulari u fuq in-naha tax-xellug fuq din l-istess residenza hemm bieb iehor li jkollok access ghall-garaxx li huwa parti mill-istess residenza."*.[110] Ittiehdet il-verzjoni ta' Sammut li gja saret riferenza ampja ghaliha. Hekk kif gie nnutat *cctv* biswit ir-residenza dan gie analizzat. L-ghada Sammut infurmatu li sabet *baseball cap* fl-indana tar-residenza taghha, fil-post fejn kienet indikat li inzammet mill-malviventi; din ingabret mis-*scene of crime officer* PS 826 li wara li ffotografha, ghaddiha lil Dr. Marisa Cassar.[111] Il-pulizija rceviet informazzjoni li l-persuna li ghamilha ta' pustier kien Mark Anthony Cardona u b'hekk ingabar il-*call profile* tieghu. Irrizulta li dakinhar tas-serqa u fit-3 ta' Jannar kien ghamel

[104] Fol.195-198
[105] Fol.198
[106] Fol.199
[107] Fol.200
[108] Fol.206
[109] Fol.208
[110] Fol.496-497
[111] Fol.498

kuntatt man-numru 99144941 u man-numru 79036607.[112] Filmati mid-Detox wrew lil Cardona fil-kumpanija ta' Ryan Briffa it-tnejn liebsin l-istess hwejjeg li ntlibsu mill-malviventi fis-serqa.[113] Rigward Mark Anthony Cardona dan zied *baseball cap* bajda kif ukoll gakketta *sleeveless*. Gie arrestat ukoll Patrick Mangion, li, wara tfittxija fir-residenza tal-partner tieghu, gew elevati *hoodie* blu w *track suit pants* tad-ditta Puma li jidhru li ntlibsu mill-halliel twil li jidher fil-*footage.* Instab ukoll *mobile phone* fejn dan kien jorqod.[114]Irrizulta li dan il-*mobile* kellu n-numru **99144941** li kien qed isir kuntatt mieghu dakinhar tas-serqa kif ukoll gimgha qabel minn Cardona. L-istess numru 99144941 kien ghamel telefonata fuq **79338063.** *Mobile* elevat minghand Ryan Briffa kellu zewg *sim cards* **99699161** u **79036607.** Mir-residenza ta' Briffa gew elevati qalziet li l-istess imputat kien liebes waqt li kienet twettqet din is-serqa u kif ukoll l-istess qalziet li kien jidher bih waqt li hu stess kien mar gewwa d-detox flimkien ma' Cardona siegha qabel li sehhet din l-allegatament serqa.[115] Mir-residenza ta' Cardona l-Pulizija elevat *mobile* tal-ghamla Samsung bin-numru **77647570**, kif ukoll gakketta *sleeveless* li kienet ta' kulur iswed u li tixxbah hafna lill-gakketta li kien liebes dak li ghamilha ta' pustier. Instab zarbun *slip on* kannella li jixbah hafna liz-zarbun li ntuza mill-pustier.[116] Il-pulizija wasslet biex tikkonkludi li kien hemm numru ta' karateristici li jidhru fuq il-*pick-up* li ntuza biex iwassal u jigbor lill-malviventi ma dak li kien jintuza mill-imputat Mifsud.[117] Il-*pick-up* kien jghajjat lil Clint Mifsud li stqarr mal-pulizija li *"juzah biss xi darba fil-weekend u l-maggoranza tad-drabi kwazi kuljum jintuza minn Micahel Mifsud minhabba l-fatt li z-zewg persuni ghandhom xi zwiemel bi shab bejniethom u allura kien jaghti c-cavetta, ic-cavetta li kellu s-Sur Micahel Mifsud ......".*[118] Ikkonferma r-rapport li permezz tieghu talab il-ftuh tal-inkjesta magisterjali rigward il-kaz.[119]In kontro-ezami kkonferma li l-ghelieqi tal-imputat jinsabu fl-*outskirts* bejn Hal-Qormi u Haz-Zebbug, fl-akkwati tal-Easysell.[120]

**PC965 Maverick Camilleri** xehed kif mill-kamra ta' Cardona, fir-residenza tieghu, gew elevati zewg *mobiles*.[121] Ikompli *"bdejt infittex fil-gwardarobba fejn innutajt li kien hemm gakketta sewda u kellha fuq id-dahar bicca zghira bajda u fuq il-filmat kienet tidher taqbel li sehhet is-serqa biha. Elevajt dik il-gakketta u nnutajt ukoll zarbun li kien qieghed fil-genb tal-kamra go kaxxa kannella u elevajt dak iz-*

---

[112] Ibid.
[113] Fol.498-499
[114] Fol.499
[115] Fol.500
[116] Fol.501
[117] Fol.502
[118] Ibid.
[119] Fol.503. Vide rapport a fol.223.
[120] Fol.512A
[121] Fol.242

*zarbun".*[122]L-hwejjeg gew esebiti mix-xhud[123] li anke gharaf *mobiles* u *sim cards* li huma esebiti fil-procediment **Il-Pulizija vs Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa**.[124] **PC702 Adrian Briffa** kien involut fl-arrest ta' Mangion kif ukoll kien prezenti ghat-tfittxija li saret minn PC965 fir-residenza ta' Cardona u l-arrest tieghu. Gew elevati sidrija blu, zarbun u *mobiles* li gew identifikati mix-xhud meta murija lilu.[125]

**PC1541 Joseph Agius** kien dar l-akkwati fejn sehhet is-serqa sabiex jigu identifikati xi *cctv cameras* ohra. Instabet *camera* li biha gie infurmat l-ispettur Agius sabiex din tigi elevata mill-espert tal-Qorti mahtur fl-inkjesta rilevanti.[126]Jaghti dettalji dwar l-arresti li kien involut fihom: *"Imbaghad nhar id-29 ta' Jannar 2019 ….. erhejnilha lejn id-Detox, fejn jien kont qed nahdem ma' PS 1337 u ma' PC 1404, fejn mal-wasla taghna gewwa d-Detox ghall-habta tal-hdax ta' filghodu wasal fuq il-post Patrick Mangion flimkien mal-partner tieghu Carmen Spiteri fejn malli wasal dan gie arrestat fuq il-post………jien minn naha tieghi flimkien ma' PC 1337 u PC 1404 irrikorrejna gewwa r-residenza fejn joqghod hu flimkien mal-partner tiehgu Carmen Spiteri. ….. morna fi Blokk C Flat 11 Triq il-Ghajn il-Belt Valletta, fejn saret search fuq il-post u gew elevati, minn naha tieghi gew elevati mobile tad-ditta Samsung ta' kulur iswed flimkien ma' kaxxa bluna tieghu tal-mobile phone. Imbaghad aktar tard komplejna t-tfittxija ghal Briffa ghax ahna fuqu kellna x'naqsmu imbaghad u l-grupp l-iehor kompla ifittex lil Cardona. Wara hafna tfittxija gewwa Hal-Qormi u gewwa l-Marsa, Briffa instab isuq il-vettura tal-ghamla Peugeot ta' kulur ahmar li kien hiereg minn gewwa Triq ix-Xitwa, baqa' tiela' minn Triq il-Hammieri u wara hafna tentattivi sabiex dan jitwaqqaf, gie mwaqqaf fi Triq l-Imdina Haz-Zebbug…… qabel ma hadnieh il-lock up morna gewwa Triq il-Kbira fejn joqghodu l-genituri tieghu numru 31 fejn saret search fil-presenza kemm tieghu u kemm ta' ommu u missieru fejn gie elevat qalziet li kien ghadu liebes hu u geghlnih jilbes qalziet iehor sakemm jigi elevat, imbaghad wara gie mehud gewwa l-lock up tal-Floriana….. Carmen Spiteri qaltilna li Patrick Mangion dan l-ahhar kien qed joqghod ghandha fejn is-search saret fil-presenza taghha wkoll.".*[127]Il-*mobile* ta' Mangion gie mghoddi lil PS1337.[128]

**PS1337 Kevin Curmi**, li kien ha l-verzjoni ta' Sammut dakinhar tas-serqa, jixhed kif fid-29 ta' Jannar, 2019, kien mar id-Detox jistenna li jasal Patrick Mangion u kif mill-vettura tieghu niezlet il-*partner* tieghu, dan gie arrestat. Ikompli *"dak il-hin kien qed jitkellem fuq il-mobile, tefa' l-mobile fuq is-seat ta' wara fejn kien hemm tifla minorenni u rajtha tiehdu, izzommu hi l-mobile, it-tifla minorenni.*

[122] Fol.243
[123] Ibid. **Dok.MC a fol.245**
[124] A fol.52 f'dak il-process.
[125] Fol.247
[126] Fol.249
[127] Fol.250-250a
[128] Fol.250

*Dak il-hin ma ghamiltx accenn ghall-mobile biex ma nallarmax it-tifla, ….[Mangion gie arrestat u ttiehed id-depot] …. mal-vettura kien hemm il-partner tieghu …..fejn jien infurmajtha b'li gara fejn hi kienet qed tara kollox, hemmekk tlabtha biex it-tifla tghaddili l-mobile …. Dan ittiehed minni". Mar mal-partner teghu fil-fond fejn kien qed jirrisjedi u saret tfittxija "waqt is-search li ghamilt, <u>jien elevajt flok tal-marka Puma li huwa hoodie…... Flok tal-marka Puma celesti ….U qalziet tal-marka Puma, l-istess blue skur ".</u>*[129] Il-hwejjeg gew esebiti flimkien ma r-ritratt taghhom.[130] Iktar tard dak il-jum kien involut fl-arrest ta' Ryan Briffa fejn meta twaqqaf fil-vettura li kien qed isuq gie elevat *mobile.*[131] Ikompli *"mort id-dar fejn tlabtu jghidli fejn qed jirrisjedi, mort id-dar fejn kien jirrisjedu ommu u missieru pero'. Minn hemmekk jien, meta gie arrestat Ryan innutajt li <u>t-trousers, il-joggings li kien liebes kien ta' interess ghall-investigazzjoni,</u> dana hadt qalziet minn hemm u elevah aktar tard id-Depot u qalghuh il-kollega tieghi PC 1404 minn fuqu."*[132]

**PC1404 Dale Cassar** jikkonferma li kien prezenti ghall-arrest ta' Patrick Mangion.[133] Ha sehem fit-tfittxija fil-fond fejn kien jirrisjedi mal-*partner* tieghu kif ukoll fl-arrest ta' Ryan Briffa. Dwar dan l-imputat jghid: *"rajnih ghaddej b'Peaugeot tal-ghamla 106 hamra, soqt warajh ghax kont qed insuq jiena …… Inpapqulu, nghajjtulu mit-tieqa li ahna Pulizija forsi jieqaf, pero' qisek qed titkellem mal-hajt u baqa' ghaddej. Ovvjament bqajna telghin, dejjem insegwu warajh, tlajna triq l-Imdina ta' Hal-Qormi fejn hemm is-showroom tal-Kia, faccata n-naha l-ohra direzzjoni lejn Haz-Zebbug, inpaqpulu u nghidulu li Pulizija biex jieqaf, sa certu punt waqaf, tefa' mal-genb, is-Surgent hareg mill-karozza, gharfu li hu Pulizija, qallu jitfi l-karozza….Is-Surgent PS 1337 Kevin Curmi. Certu punt rega startja l-karozza u rega' saq, saq fid-direzzjoni tas-Surgent, is-Surgent infetah naqa zghira, ma saqx fuqu as such pero' saq id-direzzjoni tieghu. Dahal fi sqaq zghir li jigi parallel mat-triq u s-Surgent rega' rikeb mieghi fil-karozza u ergajna soqna warajh u ergajna waqqafnih fejn ir-roundabout tal-Imdina fejn hemm is-showroom ta' Noel Auto Dealer, dik il-bicca, waqqafnih hemmekk, ghalaqtu bil-karozza biex ma jkollux iktar minn fejn johrog, hrigna u ghidnilu li Pulizija u tajnieh id-dritt tal-arrest, ghalxiex qieghed arrestat. Imbaghad ghamilnilu search fuqu, fuq il-karozza. Wara bqajna go residenza li qalilna li hu jghix fiha, li qeghda go Hal-Qormi, l-indirizz ma nafux bl-amment. Jghajjat, joffendina, jidghi b'Alla u l-Madonna, xenati ghalxejn, wara ittiehed il-lock up tal-Pulizija il-Floriana d-Depot.*[134] *….Hadna biss qalziet spare ghax li kellu fuqu hadtulu mill-lock up li huwa dan….. Il-qalziet ta' Ryan Briffa…… Dak nezghu meta kien il-lock up, meta konna qed naghmlu s-search, tajtu l-qalziet l-iehor li gibna minn Hal-Qormi stess, libsu u ghal dik inharget ircevuta wkoll flimkien mal-mobile li konna sibna fuq il-*

---

129 Fol.439-440
130 **Dok.KC** a fol.443 u **Dok.KC1** a fol.444
131 Fol.440
132 Ibid.
133 Fol.445
134 Fol.446-447

*pussess tieghu meta waqqaftu bil-karozza.".* [135] Cassar jikkonferma l-ircevuti rigwardanti Patrick Mangion u Ryan Briffa li gew esebiti.

**PC405 Jason Schembri** pprezenta faxxikolu ritratti tat-Toyota Hilux bin-numru BCJ762.[136] Jidher cjar *aerial* zghir imwahhal mal-*windscreen* fuq barra, ezatt fil-kantuniera ta' fuq tan-naha tal-passiggier.[137] Fuq il-*bonett* hemm *hood*.[138] Il-mirja u *side sills* jidhru tal-*chrome* u fuq wara hemm *tow-hook*[139] u fil-genb tan-naha tal-passigier l-isem *"HILUX D-4D 3.0".* Id-D magenb in-numru 4 hi bl-ahmar.[140] Izda fuq in-naha tax-xufier hemm mwahhalin *"Hilux 3.0 D-4D"* bl-ahhar ittra tkun bl-ahmar.

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta, spjega kif il-vettura Toyota Hilux ta' kulur iswed ilha registrata fuq certu Clint Christ Mifsud mit-13 ta' Marzu, 2018. Il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBG 917, hi vettura Isuzu NKR, van, *refrigerated box van*, ta' kulur abjad, w ilha registrata fuq certu Alison Theuma mit-8 ta' Lulju, 2010.[141]Riprodott jixhed *"mir-ricerka li ghamilt jirrizulta li iva gie impurtat minn barra, qieghed f'posizzjoni li nipprezenta l-log book Ingliz. Dan kellu n-numru Ingliz bin-numru YT07UNZ. Gejt ukoll mitlub naghmel ricerka rigward jekk hemmx xi ritratti ta' din il-vettura. Qieghed nipprezenta zewg ritratti li ttiehdu minn naha tat-technical unit taghna li ma hemm xejn hlief huma ghax kull ma niehdu huwa il-VIN number tal-vettura, kif ukoll il-mili u l-kilometri tal-istess vettura, biss qieghed f'posizzjoni li nipprezenta ritratt mehud mill-VRT tester minghand Albion Auto Tester Limited li sar fit-12 ta' Marzu tas-sena 2018 u qieghed ukoll nipprezenta kopja tal-VRT li gie sottomess Transport Malta meta l-istess vettura giet irregistrata fit-13 ta' Marzu tas-sena 2018."*[142]. Kopja bil-kulur tar-ritratt tal-vettura minn quddiem hu esebit fl-atti tal-procediment **Il-Pulizija vs Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa.**[143]

**Alison Theuma** tixhed li n-*number plates* BBG917 jappartjenu vettura Isuzu li tinstaq mir-ragel t'ohtha, Charlie Mifsud.[144] In-*number plates* qatt ma nsterqu. Il-vann kien jintuza minn San Gwann fejn jghix ghal Haz-Zabbar fejn ghandu r-razzett.[145]**Carmel Mifsud** xehed li juza Isuzu NKR numru BBG917 registrat fuq Alison Theuma. Juzah hu biss. Fil-jum li dwaru staqsewh il-pulizija l-vann kien

[135] Fol.447
[136] Fol.458
[137] Fol.468
[138] Fol.471
[139] Fol.463-464
[140] Fol.470
[141] Fol.350 et seq.
[142] Fol.418-419. Vide **Dok.SCZ** a fol.420-437
[143] Fol.428
[144] Fol.362-363
[145] Fol.363-364

il-Kalkara.[146]Ma kellu xejn nieqes; mar xi 8.30am u dam hemm sa filghaxija.[147]Il-pjanci ta' registrazzjoni, li kellu tlieta tieghu, kollha baqghu ghandu.[148]Qatt ma sab *number plates* nieqsin.[149]

**Clint Christ Mifsud** xehed li hu s-sid ta' Toyota Hilux izda kien jaghmel uzu minnu l-imputat li jigi hatnu.[150]Ftit jaghmel uzu mill-vettura forsi nhar ta' Hadd biex jaghmel xi qadja bih. Inxtara minghand *dealer* Haz-Zebbug u kien minn tal-Ingilterra.[151]Dwar modifiki li seta' ghamel fuq il-vettura jghid, *"Jien qatt ma bdiltlu xejn, ghamiltlu service biss … Kollox kif inhu hallejtu…kollox naturali."*[152]Cwievet tieghu kellhom hu w Mifsud.[153] Ilu jghix fir-residenza ta' Mifsud madwar sentejn.[154]Mifsud kien juza l-vettura meta jkun qed jaghmel xi xoghol relattat maz-zwiemel.[155]Xogholu kien jigbor zejt u hadid izda mhux injam.[156]Fis-sena 2019 ma wzax il-*pick-up* ghal dan ix-xoghol.[157] Mifsud ma kienx javzah meta ser juzah u hu qatt ma wzah biex igorr *pellets* fih.[158]

Il-Qorti tosserva li **fl-ebda hin ma gie mistoqsi minn dan ix-xhud jekk kienx minnu li kien biegh il-vettura lill-imputat**. Aktar important minn dan, **ma ssirlu l-ebda domanda sabiex jiddentifika jekk il-vettura li tidher fil-*footage* hix dik li kien qed jirreferi ghaliha bhala dik li xtara!**

**PC826 Matthew Parnis** ipprezenta r-rapport tieghu li sar flimkien ma **PC302 B.Alken**.[159] Kien eleva *duct tape* kif ukoll berritta, Dok 19 ABT 202,[160] li ghaddieha lil Dr. Marisa Cassar.[161]Ritratti tal-istess berritta jidhru fir-relazzjoni esebita.[162]Brian Alken ikkonferma ir-rapport msemmi fejn hu kien inkarigat mit-tehid tar-ritratti fuq ix-xena.[163]

---

[146] Fol.365-366
[147] Fol.367
[148] Fol.368
[149] Fol.369
[150] Fol.353-354
[151] Fol.355
[152] Fol.356
[153] Ibid.
[154] Fol.357
[155] Fol.358
[156] Fol.359
[157] Fol.360
[158] Ibid.
[159] **Dok.MP** a fol. 386 et seq
[160] Fol.389
[161] Fol.384-385
[162] Fol.408-409
[163] Fol.490-491

**Dr. Marisa Cassar** kkonfermat ir-rapport taghha li kien ipprezentat fl-inkjesta li saret dwar is-serqa.[164] Fil-konkluzzjonijiet taghha tirrelata li minn analizi ghad-DNA li sar fuq berritta mghoddija lilha mis-*scene of crime officer* PS828 Matthew Parnis (kampjun **19ABT202**)[165] *"l-ipotesi li l-profil genetiku li hareg minn dan il-kampjun **hu ta' Patrick Mangion** u persuna ohra hija 998 iktar probabli, mill-ipotezi li l-profil genetiku li hareg mill-kampjun hu ta' zewg persuni ohra fil-popolazzjoni.".*[166] Tispjega li mill-beritta *"kien inhareg profil genetiku mhallat li **jaqbel ma ta' Patrick Mangion u ta' persuna ohra** li ma ghandhiex profile tieghu".*[167]

**Keith Cutajar** li kien inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jigbor filmati janalizzahom u jnizzel *stills* minnhom, ipprezenta r-relazzjoni tieghu.[168]

Sussegwentement fuq digriet moghti minn din il-Qorti u fuq talba tal-prosekuzzjoni,[169] l-istess espert analizza l-*mobile phone* esebit mill-Ispettur Lydon Zammit (**Dok.LZM**) u senjatament il-kontenut tieghu, il-*localization data* dwaru w *il-call profile*. Dan ir-rapport ukoll gie prezentat mix-xhud meta xehed *viva voce*.[170]

Stranament, meta gie emfasizzat mill-investigaturi li n-ness bejn l-imputat u l-malviventi l-ohra sar billi gew analizati l-**kuntatti li saru bejniethom u l-*mobiles* partikolari li ntuzaw ghal dan il-ghan, hemm mankanza assoluta ta' provi fir-rigward f'dawn l-atti!** It-talba ghall-analizi tal-*call numbers/mobile devices* f'dawn l-atti saret biss rigward l-imputat Mifsud.

I. *Call Profile* u *Localization Data*

Minn analizi tal-*call profile* u *localization data* rigward il-*call number* 79359367 jirrizultaw is-segwenti:

Filwaqt li ma ghamilx u lanqas rcieva *calls/sms* fil-hinijiet li l-*pick up* jidher fil-vicinanzi tad-dar derubata nhar it-3 ta' Jannar, 2019, fil-11 ta' Jannar, 2019, fil-11:45:31 it-telefonata li rcieva inqabdet mis-*cell tower* ta' Tremonelli Flats, Anici Street, dik li rcieva fil-12:59:54 inqabdet mis-*cell tower* ta' Zammit Flats, Dragon Street u dik li rcieva fis-13:36:30 mis-*cell tower* tal-Easycell. Jirrizulta li saru tlett telefonati bin-numru 99612031 li hu l-istess numru li ghamel it-telefonati li

---

[164] **Dok.MC** a fol.230 et seq. Kopja ohra esebita bhala **Dok.MC1** a fol. 413 et seq.
[165] Fol.230
[166] Fol.234
[167] Fol.412
[168] **Dok.KC** a fol.263 et seq
[169] Verbal 11 ta' Marzu, 2019, a fol.22
[170] **Dok.KCMM** a fol.336 et seq

ghadhom kif issemmew. It-telefonati maghmula fil-13:11:13 u 13:13:42 inqabdu mis-*cell tower* ta' Tremonelli Flats, Anici Street, u telefonata ohra li saret fil-13:33:23 inqabdet mis-*cell tower* ta' Dragon Street.

II. Il-*Footage*

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-*footage* mehudha minn *cameras* vicin id-dar derubata kif ukoll dawk tad-Detox Centre, fuq gewwa u fuq barra. Dak li jidher fil-filmat ser jigi deskritt hawn taht skond il-*camera* li ttiehed minnu; ghalhekk ser issir riferenza ghal diversi *stills* li jikkorispondu ma' siltiet tal-*footage* bil-hin li jidher fuq l-istess *footage*.

A). Shopline

(i) 2_15_M_11012019120000[171]

*Camera 15*

Din il-*camera* hi sitwata fi Triq l-Gharaghar, 1979, propju fil-parti tat-triq fejn hemm numru ta' garaxxijiet u fejn fuq in-naha tax-xellug tat-triq hemm diversi *parking bays.* Vetturi gejjin minn Triq l-Gharghar li jridu jaccedu ghal Triq il-Wied necessarjment jghaddu minn quddiem din il-*camera.* Din il-*camera* tkopri Triq l-Gharghar li tigi taht il-*camera*, kif ukoll iktar lil hinn lill-Triq il-Wied fejn il-*camera* thares fid-direzzjoni ta' Qormi San Gorg.

Dan il-hanut hu sitwat fuq l-istess naha tat-triq tad-dar derubata, propju kif tispicca dik il-parti tat-triq fejn tinsab l-imsemmija dar u tibda l-parti l-ohra tal-istess triq.

Tenut kont li f'certi partijiet tal-filmat l-*pick up* jidher cjar hafna, jista' jintqal li dan hu **Toyota Hilux Invincible 3.0 D-4D**.[172]

**11:28:58-11:29:17** Tidher Sammut gejja mid-direzzjoni ta' Qormi San Gorg b'xi basktijiet.

**12:02:27-12:02:33** Jidher fi Triq L-Gharghar, il-*pick-up.* Bil-*mudflaps, tow hook, mirja tal-chrome, side still chrome u windbreakers*.[173] Jinstaq fid-direzzjoni ta' Qormi San Gorg.

**12:02:37** Bil-*breaklights* mixghulin, jirrallenta u jieqaf aktar il-fuq, direzzjoni ta' San Gorg.

---

[171] Kif kkonstat mill-espert Keith Cutajar a fol.272 tar-relazzjoni tieghu (**Dok.KC)**, il-hinijiet tal-*camera* li biha ttiehed dan il-filmat kien <u>4 minuti b'lura</u> u ghalhekk ghandhom jizdiedu 4 minuti mal-hinijiet indikati fuqu sabiex ikun determinat il-hin propju li fih ittiehed il-filmat.
[172] Vide *stills* 13:03:24; 13:29:25 13:30:11; 13:30:12
[173] Fol.273 ritratt ta' dak li jidher fil-filmat

14 il-sekonda wara u cioe` **12:02:54-12:03:15** jidher il-pustier miexi fid-direzzjoni ta' fejn il-*pick-up* deher jieqaf.[174]

Minuta wara u cioe` **12:04:18-12:04:23** jerga' jghaddi il-*pick-up* fi Triq Il-Wied, direzzjoni Triq il-Mithna (fejn hemm l-istabbiliment Joinwell).

**12:10:03-12:10:07** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

**12:22:07-12:22:10** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

**12:28:11-12:28:14** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

**12:39:36 -12:39:39** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni Triq il-Mithna (Joinwell).

**12:43:46-12:43:52** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

**12:46:13-12:46:17** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni Triq il-Mithna (Joinwell).

**12:48:51-12:48:59** jghaddi il-*pick up* minn Triq l-Gharghar, quddiem il-*camera,* u jaghmel *indicator* ghan-naha tax-xellug ta' Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.[175] (12:49:09-12:49:15 jibqa fil-vizzwali).

**12:54:34-12:54:38** Il-*pick-up* jidher ghaddej fi Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.[176]

(ii) 3_15_M_11012019130000

**13:00-13:00:16** Jidher il-*pick-up* ghaddej Triq l-Gharghar direzzjoni ta' San Gorg.[177]

**13:08:43-13:08:48** Il-*pick-up* jinstaq fi Triq il-Wied direzzjoni lejn ta' San Gorg.[178]

**13:17:11-13:17:14** Il-*pick-up* jinstaq fi Triq il-Wied direzzjoni lejn ta' San Gorg.[179]

**13:26:45-13:26:51** Il-*pick-up* fi Triq l-Gharghar b'sewqan mghaggel u jibqa' fid-direzzjoni ta' Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.[180]

*Camera 16*

---

174 Ritratt a fol.274
175 Fol.275; ritratt ta' fuq
176 Ibid.; ritratt isfel
177 Fol.276; ritratt 13
178 Ibid. ritratt 14
179 Fol.277; ritratt 15
180 Ibid.; ritratt 16

Din il-*camera* thares propju lejn ix-xellug (*left*) fid-direzzjoni ta' Triq il-Mithna (fejn jinsab l-istabbiliment ta' Joinwell), u cioe` lejn il-bidu ta' Triq l-Gharghar, 1979, fejn ghandha d-dhul minn Triq il-Mithna u li minnha jsir hrug biss (*one way*). Ftit l-isfel hi sitwata id-dar derubata; tidher *stop sign*. Il-vizzwali hu ferm aktra vjar.

**11:29:18** Sammut tghaddi minn quddiem il-*camera* fid-direzzjoni l-isfel lejn ir-residenza taghha.

**12:02:20-12:02:29** Il-*pick-up* gej minn quddiem id-dar tad-derubata, jghaddi quddiem il-*camera* fi Triq l-Gharghar u jkompli sejjer lejn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.[181]

**12:02:36-12:02:57** – <u>5 sekondi wara</u>- jidher dak li allegatament ghamilha ta' pustier gej mill-istess direzzjoni u jmur fid-direzzjoni li ha l-*pick up*.[182]

**12:04:21- 12:04:27** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' Triq il-Mithna.

**12:09:59-12:10:04** Il-*pick-up* jghaddi minn triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**12:22:03-12:22:08** Il-*pick-up* jghaddi minn triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**12:28:06-12:28:12** Il-*pick-up* jghaddi minn triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**12:39:38-12:38:44** Il-*pick-up* jghaddi minn triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' Triq il-Mithna (Joinwell).

**12:40** Tidher ufficjal tal-Maltapost.

**12:43:43-12:43:49** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**12:46:15-12:46:21** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' Triq il-Mithna (Joinwell).

**12:48:44-12:48:53** Il-*pick-up* johrog mit-triq fejn tinsab id-dar darubata, jghaddi quddiem il-*camera* fi Triq l-Gharghar u jibqa' jsuq fid-direzzjoni ta' San Gorg

**12:50** Tidher ufficjal tal-Maltapost.

**12:54:31-12:54:35** I*l-pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**13:00:06** Jghaddi mit-triq fejn hemm id-dar derubata, quddiem il-*camera* fi Triq l-Gharghar, u jsuq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**13:08:39-13:08:43** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

---

181 Fol.278-9; ritratti 18 u 19
182 Fol.279-280; ritratti 20-21

**13:17: 08- 13:17:12** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**13:26:41-13:26:47** Il-*pick-up* jidher kjarament hiereg mit-triq fejn hemm id-dar ta' Sammut u jkompli fi triqtu b'sewqan kemmxejn mghaggel lejn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

B). Garage Biswit id-dar Derubata

(i) 11 ta' Jannar, 2019

Il-*camera* thares lejn ix-xellug u cioe` fid-direzzjoni tad-dar derubata li jinsab bieb ma bieb.

**11:00:21** Sammut tasal id-dar b'xi basktijiet.

**11:08:56** Sammut tohrog u taqsam Triq l-Gharghar.

**11:33:52** Sammut tirritorna b'xirja ohra.

**11:35:12** Sammut terga' tohrog.

**11:41:39** Tirritorna d-dar.

**11:42** Tohrog tlahhlah il-bankina quddiem id-dar.

**12:03:29** Jersaq persuna maskili liebes beritta bajda, b'pakkett taht idu w kif jasal quddiem id-dar ta' Sammut, jaqsam ghan-nofs tat-triq u jibqa' miexi l-fuq, fid-direzzjoni ta' San Gorg.[183]

**12:04:35** Dlonk jerga' jghaddi miexi l-isfel (lejn Triq il-Mithna) fejn jibqa' fuq in-naha opposta tat-triq.

**12:05:18** L-istess persuna maskili jidher rega' gej lejn id-dar ta' Sammut, johrog pakkett minn go basket imdendel ma idu u jhabbat mar-residenza ta' Sammut.[184]

**12:05:48** (30 sekonda wara) jghaddi *pick-up* minn warajh. Ihares lejh u l-*pick-up* jibqa' sejjer.

**12:05:55** Jitlaq minn fuq il-post.[185]

---

183 Fol.288
184 Fol.289; ritratt 35
185 Fol.290-292; ritratti 36-40

**12:06** Jinfetah il-bieb tal-aluminium tar-residenza u ftit wara jerga' jinghalaq[186]Jidher jinfetah ghall-darb'ohra x'hin jghaddi persuna li jieqaf ikellem lil xi hadd fil-bieb tar-residenza derubata.[187]

**12:52:13** Jghaddi il-*pick up* waqt li tibda niezla xita qliel.

**13:01:44** Jerga' javvicina u jcempel il-bieb ta' Sammut il-persuna maskili bil-berritta bajda. Jidher cjar li dan ghandu **mustacci irqaq** (13:01:52-13:02:06; 13:02:24 u 13:02:40)

**13:02:26** Jitkellem ma xi hadd waqt li jhares il-fuq.

**13:02:39** Ihares l-isfel (lejn triq il-Mithna) fejn fil-13:02:42 **jidher kjarament jaghti b'rasu tlett darbiet (*nodding*) hekk kif harstu tibqa n-naha t'isfel tat-triq u cioe` dik il-parti li minnha jsir l-ingress.**

**13:03:03** Jinfetah il-bieb tal-*aluminium.*

**13:03:18** Jasal il-*pick up*.

**13:03:24** Jieqaf quddiem id-dar ta' Sammut.

**13:03:27** Johrog mill-*pick-up* (bieba ta' wara lejn il-bankina tad-dar ta' Sammut) persuna maskili b'*hoodie,* qalziet blu skur u *runners* abjad. Il-*Hoodie* fuq quddiem ghandha emblema bl-abjad.

**13:03:28** Warajh johrog ragel iehor iktar mibni b'*hoodie,jogging pants* u *yellow vest*. Fuq il-qalza precizament fuq koxxtu tidher puma, l-emblema tad-ditta Puma.

**13:03:33** Il-*pick-up* ihalli l-post hekk kif issa t-tlett irgiel huma gewwa r-residenza ta' Sammut.

**13:03:24** Il-*licence holder* u l-*aerial* tan-naha tal-passigier tal-*pick up* jidhru fl-istess posizzjoni u jidhru l-istess bhal ma hemm mwahhlin fuq il-*pick up* uzat mill-imputat Mifsud. Iktar minn hekk **l-*aerial* jidher fl-istess posizzjoni w identiku ma dak li jidher fir-ritratt esebit minn Transport Malta** tal-vettura li juza Mifsud, li ttiehed fil-kors tal-process biex din il-vettura tigi registrata.[188] Fuq is-*side sill* tan-naha tax-xufier tidher marka sewda li tidher ukoll fir-ritratt mehud tal-vettura tal-imputat fis-CID Yard, BCJ762[189] kif ukoll fil-*footage* tat-3 ta' Jannar, 2019.[190]Madanakollu ir-ritratt tal-*pick-up* fis-CID Yard ittiehed bil-vettura ghada ipparkjata bejn vetturi u ohra u ghalhekk il-parti tas-*side sill* tal-*chrome/stainless steel* tan-naha tax-xufier mhux

186 Fol.292; ritratt 41
187 Fol.293
188 **Dok.SCZ** a fol.427
189 Fol.464 (**19BIH104**) u fol.466
190 Vide *still* **11:47:27**

daqshekk vizibbli li jwassal lill-Qorti sabiex tiddetermina li l-marka li tidher fil-*footage* hi l-istess li tidher fuq il-van elevat.

Dawn il-karatteristici jergghu jidhru fi s***tills*** **13:30:11 u 13:30:12**

**13:29:20** Il-*pick up* jasal fuq il-post.

**13:29:25** Jieqaf quddiem ir-residenza.

**13:30:04** Jinfetah il-bieb tal-*aluminium*. Jidhlu lura kif hargu mill-vettura u cioe` jidhol l-ewwel dak liebes blu skur fejn issa fuq il-*jogging pants* jidhru b'*lining* abjad tul is-sieq fil-genb tal-qalza (vide *still:* **13:30:05**). Warajh dak ta' statura iktar mibnija bil-*yellow vest* issa minghajr il-*hoodie* izda liebes dak li l-qorti tiddetermina li hi parokka (vide *still:* **13:30:07**). Dak li qabel kien bil-berritta bajda issa johrog ghadu b'sidrija/*gilet* u flokk blu skur (vide *still:* **13:30:08**) minghajr berritta izda f'rasu liebes *tights* li jaghtu fl-abjad, u zarbun kannella skur li ma jinqafilx b'lazz (vide *still***: 13:30:09-13:30:10**).

**13:49** Jasslu fuq il-post il-pulizija fosthom l-Ispettur Roderick Agius.

Il-*modus operandi* li wassal sabiex il-malviventi jingannaw lil Sammut tiftah jirrispekkjaw dak li sehh jiem qabel fit-3 ta' Jannar.

(ii) 3 ta' Jannar, 2019

**11:47:24** jidher l-istess **persuna maskili bil-mustacci irqaq bl-istess ilbies**. Ezatt warajh, hu w miexi lejn id-dar tar-residenza ta' Sammut, qed jinstaq il-*pick up*. Fuq l-*still* **11:47:27** <u>tidher fuq is-*side still* tal-*chrome* tan-naha tax-xufier tidher l-istess marka sewda li saret riferenza ghaliha (vide still **13:47:27** tal-11 ta' Jannar, 2019).</u> **11:47:32** l-istess persuna jibqa sejjer il-fuq fid-direzzjoni ta' Qormi San Gorg.

C). Detox Centre fuq gewwa

(i) 3 ta' Jannar, 2019

**10:40** Jidhru Ryan Briffa u Mark Anthony Cardona. Zarbun kannella *slip on* ta' Cardona hu identiku ghal dak li kien liebes il-'pustier' (vide *stills* **10:40:37-10:40:53**). Il-qalziet ta' *track/jogging suit* bil-*lining* abjad li hu liebes Briffa hu identiku ghal dak li kien liebes wiehed mill-malviventi u cioe` dak li jidher hiereg mill-*pick-up* l-ewwel (vide stills **10:40:24-10:40:55**).

Camera CH2 li hi direzzjonata lejn il-bieb ta' barra

**10:40:16** Jidhol Briffa u ezatt warajh Cardona.
**10:40:56** jitilqu flimkien il-barra.

Mhemmx dubbju li Briffa u Cardona jasslu d-detox flimkien u jitilqu flimkien.[191]

(ii) 11 ta' Jannar, 2019

**10:45:31-10:46:03** Jidhlu Briffa u Cardona. Din id-darba Briffa liebes *hoodie sky blue* u qalziet blu bil-*lining* abjad. Dan l-ilbies jaqbel ma dak li kien liebes il-halliel li johrog minn tal-ewwel mill-*pick-up*. Iz-zarbun li liebes Cardona jaqbel ma dak li kien liebes il-'pustier'. (*stills* **10:45:46-10:46:02**). Cardona jidher b'mustacci **10:46:02**

Camera CH2 li hi direzzjonata lejn il-bieb ta' barra u iggib lil Briffa u Cardona harsu lejha.

**10:45:30** Jidhol Briffa. Jitlaq il-barra **10:45:54** minghajr ma jkellem lil Briffa.
**10:45:33** Jidhol Cardona. Iz-zarbun li liebes jidher cjar fl-still **10:45:43-10:45:55.** Jitlaq il-barra **10:46:04.**

D). Detox Centre fuq in-naha ta' barra

(i) 3 ta' Jannar, 2019[192]

**10:40:42-10:40:45** Jidhru hiergin mid-Detox Centre Briffa b'qalziet identiku ghal dak li kien liebes wiehed mill-malviventi, u Cardona b'zarbun li hu identiku ghal dak li kien liebes il-persuna li ghamilha ta' pustier.

## Rizultanzi

i. Mhemmx dubbju li l-*pick-up* li jidher fil-filmat, li ntuza biex issir is-serqa, kien ilu jdur fl-akkwati fil-hinijiet qabel u waqt li kienet qed issir is-serqa. Dan jirrizulta mill-filmat u senjatament il-hinijiet li l-*pick-up* jidher ghaddej persistentement minn Triq l-Gharghar, 1979, u Triq il-Wied.

ii. Mhux eskluz li s-serqa kellha titwettaq fit-3 ta' Jannar, 2019, tenut kont li l-'pustier', li l-Qorti facilment tiddentifika bhala Mark Anthony Cardona imputat fi proceduri separati, bl-istess pakkett f'idu, u l-*pick-up,* jidhru ghaddejjin quddiem id-dar derubata.

iii. Mhux ikkontestat li l-imputat kien hu li jaghmel uzu mill-*pick-up* li gie elevat mill-pulizija.

[191] Ara ukoll ritratti a fol.310-312
[192] NRV_ch6_main_20190103100000

iv. L-istqarrijiet tal-imputat ftit li xejn jikkonvincu lil din il-Qorti mill-veracita` tat-twegibiet moghtija minnu, fejn ir-risposti tieghu huma ssenjalati minn nuqqas assolut ta' konsistenza, privi minn dettalji mistennija, konvoluti, b'riferenzi ma jispiccaw qatt ghall-suggetti ohra biex jevadu r-risposta mistennija u aktar intizi biex jiggwadanja hin biex jahseb x'ghandu jirrispondi. Twegibiet li ma jwassluk imkien, *long-winded* u privi ghal kollox minn dawk il-karaterristici li jwasslu lill-Qorti temmen li dak mistqarr ghandu mis-sewwa!

v. Tezisti **probabbilita` kbira** immens li l-*pick-up* elevat mill-pulizija hu l-istess *pick-up* li serva ta' mezz ta' trasport ghall-malviventi.

vi. Minkejja dan, u minkejja li l-Qorti ma kkonvinciet ruha xejn li r-risposti tal-imputat (u d-dikjarazzjonijiet tieghu li ma kellu l-ebda involviment fis-serqa) ghandhom mis-sewwa, dan il-procediment hu karatterizzat minn <u>diversi mankanzi li jimmillitaw kontra s-sejbien ta' htija tal-imputat</u> ser jigi spejgat.

a. Fl-ewwel lok il-*mobile devices/call number* mahsuba li jappartjenu lil Briffa, Cardona u Mangion, kellhom jigu <u>esebiti ukoll f'dawn l-atti</u>, formalment!

b. L-ahjar prova dwar il-*call numbers* li ntuzaw minn dawn il-persuni baqghet <u>ma ngabitx</u>.

Ghalkemm l-ufficjali investigattivi jindikaw ghadd ta' *call numbers* li jishqu ntuzaw mill-imputat, minn Briffa, Cardona u Mangion, baqghet ma ngabietx l-ahjar prova f'dan ir-rigward. Filfatt jirrizulta biss dak li xehdu l-ufficjali investigattivi, xhieda li ghalkemm il-Qorti mhix tiddubita l-veracita` taghha, tikkostitwixxi *hearsay evidence* u ghaldaqstant tibqa' wahda inammissibbli.

Biex setghet issir id-debita prova, il-prosekuzzjoni kellha (wara li tesebixxi formalment dawk il-*mobiles*), ittella' s-*service providers* rispettivi li kellhom jipprovdu informazzjoni dwar in-numri telefonici/*call numbers* li hu allegat li **ntuzaw u/jew huma registrati** fuq l-imsemmija persuni. F'dan il-procediment din l-informazzjoni nghatat biss rigward l-imputat Michael Mifsud.

c. L-espert fl-informatika Cutajar, (jew xi espert iehor), kellu imbghad jinghata nkarigu <u>f'dawn</u> il-proceduri sabiex jezamina d-*devices* esebiti, u jgib il-*call profile* u *localization data* relattiva ghal kull *call number* li

jissemma' mill-prosekuzzjoni, kif ukoll dwar *call numbers* registrati fuq dawn il-persuni.

Minn dan seta' jigi pruvat x'kommunikazzjoni kien hemm bejn dawn il-*call numbers*; partikolarment il-*call profile* u *localization data* tal-call numbers **79338063 u 99144941,** b'dan tal-ahhar mahsub li jappartjeni lil Patrick Mangion.

d. Kien ikun mistenni li jitressaq bhala xhud rapprezentant tas-socjeta` Go mobile sabiex jixhed fuq il-*coverage ranges* rispettivi tas-*cell towers* indikati fil-*call profiles* ta' dawk ic-cellulari kif ukoll tac-cellulari l-ohra imsemmija u partikolarment **79359373** ( registrat fuq il-*phone book* ta' Mangion bhala "Makkil"[193] ), u n-numru **79338063** (registrat fuq l-isem "Mikil") li jinghad intuza mix-xufier li wassal u gabar lill-malviventi.

e. Kellha titressaq il-prova dwar **liema *cell tower* jaqbad Triq il-Wied u Triq l-Gharghar, 1979,** tenut kont tal-presenza kontinwa tal-*pick-up* f'dawk l-inhawi!! Maghruf li l-imputat jiffrekwenta l-ghelieqi tieghu u li ghandu ommu tirrisjedi Hal-Qormi, wiehed seta' jipprevenji – anke tenut kont li kif tixhed il-*localization data* tan-numru **79359367** (li mhux kontestat jappartjeni lill-imputat) ghall-granet ohra jidhru telefonati maqbuda mis-*cell towers* ta' Dragon Street u Easysell, kellha titressaq informazzjoni sabiex turi taht liema *cell tower/antenna* jinqabdu telefonati meta l-imputat ikun ghand ommu jew fl-ghelieqi tieghu.

f. Tenut kont li hu biss is-*cell tower* ta' Triq Anici li ma jirrizultax f' jiem ohra, kien ikun opportun li **tigi esebita l-*coverage range* ta' dak is-*cell tower/repeater***.

g. L-istess rimarki jinghadu anke ghall-dak li jirrigwarda in-numri ferm simili 793593**74** li l-pulizija rrizultalha kien uzat minn Mangion u n-numru 793593**67** uzat mill-imputat. Skond l-ufficjal prosekutur *793593**73**[194] kien ukoll uzat mill-imputat.* Kif baqa' ma ttella' hadd biex jixhed dwar kemm kien minnu li generalment *sim cards* b'numri konsegwenzjali jkunu nxtraw mill-istess *point of sale* kif ukoll kellu jigi determinat minn liema post inxtraw?

---

[193] Vide wkoll fol.93

[194] Fol.240

h. Ghalkemm Mifsud jghid li kien ilu zmien juza n-numru 79359367[195] ma ngabet l-ebda prova li turi d-data li fiha dan in-numru beda jintuza! Din kienet tibda titfa' dawl dwar kemm kien minnu dak li kien stqarr mal-pulzija l-imputat.

i. Jibqa' mhux maghruf lil min kien jappartjeni il-*mobile* bl-IMEI number 3**582**5405880706, li ntuza bis-*sim card* numru **79338063** li l-pulizija tallega kien intuza mill-imputat. Il-*mobile* esebit f'dawn il-proecuri ghandu IMEI differenti, 3**568**54XXXXXXXXX.

j. Wara li l-espert Cutajar issottometta li ma setghax janalizza l-kontenut tal-*mobile* elevat minn fuq l-imputat, **Dok.LZM-MB01**, peress li kien *pin-protected*[196] il-prosekuzzjoni setghet taghmel talba sabiex l-istess *mobile* jigi suggett ghall-ezamijiet ulterjuri bhal per ezempju ***chip-off technique***, u mhux tistrieh fuq din ir-rizultanza.

k. Tenut kont li l-vittma ssemmi li meta rat il-*pick-up* l-ewwel darba dan kien baqa' tiela ghal fuq il-bankina fejn kwazi tajjarha w fejn hi tghid li ratu mghobbi bi *fridges* u *scrap iehor*,[197] mhemmx dubbju li dan kien sehh f'jum jew hin iehor ghal dak li tieghu w dwaru hemm esebit il-*footage* (u cioe` fit-3 ta' Jannar, 2019 mit-8am sal-11:59am u l-4 ta' Jannar, 2019 mit-8am sal-11:59am). Fil-*footage* esebit dan l-incident ma jirrizultax.

   Kif seta' facilment jigi kkonstatat minn ezami tal-filmat esebit, fit-3 ta' Jannar, 2019, il-*pick-up* jidher jinstaq bil-galbu fin-nofs tat-triq u mhux fuq il-bankina, Sammut ma tidher imkien u l-*pick-up* jidher mghobbi b'*pellets* marbuta bl-istess mod kif kien nhar il-11 ta' Jannar, 2019. Tant ma jidhirx tiela fuq il-bankina kif tiddeskrivi Sammut, li Mark Anthony Cardona, il-'pustier', jidher miexi bejn il-bankina u l-*pick-up*.

l. Il-Qorti tinsab assolutament perplessa kif tenut kont tal-marka, ghamla w sena ta' manifattura tal-*pick-up* in kwistjoni, il-prosekuzzjoni ghazlet ma tressaqx **rapprezentant tat-Transport Malta** bil-ghan li jigi determinat kemm kien hawn vetturi registrati f'Jannar, 2019, li huma tal-kulur, ghamla u marka bhal dak uzat mill-imputat, u cioe` **Toyota Hilux Invincible 3.0 D-4D ta' kulur iswed tas-sena 2007 u bl-*specifications* li jissemmew fid-dokumentazzjoni relattiva tieghu.**

[195] Fol.142
[196] Fol.345
[197] Fol.34-35

Dan seta' jwassal sabiex fuq dik l-informazzjoni jitressqu bhala xhieda dawk is-sidien rispettivi w jintalbu jiddentifikaw jekk il-vettura li tidher fil-filmat (li ghandha intatti l-isem u marki distintivi l-ohra kollha) tixbahx lil taghhom u/jew jinhatar espert jezamina l-imsemmija vetturi jew minn tal-inqas jiffotografhom!

m. Lanqas ma kien hemm insistenza da parti tal-prosekuzzjoni sabiex jigi determinat ghal xhiex kien jintuza l-*aerial* iz-zghir li jinsab fuq il-*windscreen* minn barra fuq in-naha tal-passiggier li anke jidher b'tant kjarezza fil-*footage* mehud mill-*camera* tal-garage biswit id-dar misruqa.

n. Kien ikun ferm opportun li jittella' rapprezentant tad-ditta Toyota bil-ghan li jkompli jitfa' dawl dwar l-*extras* li l-mudell tal-*pick-up* ta' Mifsud kellu fuqu. Dan kien mistenni in vista tar-ricerki estensivi li l-pulizija ghamlet mal-istess ditta fil-kors tal-investigazzjoni taghha.

o. Meta l-posekuzzjoni kellha f'idejha l-*logbook* tal-vettura li juri s-sid precedenti fl-Ingilterra,[198] xejn ma pprevjeniha milli, permezz ta' talba ghall-assistenza legali jew wahda ai termini tal-Artikolu 647A tal-Kodici Kriminali, tisma' lill-imsemmi sid sabiex jikkonferma jgharrafx il-vettura li tidher mill-filmat u jghid ghal xhiex twahhal l-*aerial* iz-zghir li l-Qorti tista' biss tispekula dwar l-uzu tieghu.

Minn tal-inqas kellu jigi identifikat id-*dealer*, li Mifsud jghid hu sitwat f'Haz-Zebbug,[199] li minghandu nxtrat il-vettura w jittella' jixhed hu bil-ghan li jigi stabbilit jekk il-vettura esebita hix dik li nbieghet lil Clint Mifsud!

p. Tenut kont li fiz-zewg okkazzjonijiet li jidher fil-*footage* il-*pick-up* jidher igorr *pellets*, il-kaxxa tal-van maqbud kellha tigi ezaminata ghal brixx; daqqiet li seta' halla tali garr. Tfittxija fl-ghalqa tal-imputat fejn jinghad u jammetti li kien uza *pellets* ukoll kien ikunu ferm opportuni sabiex jigi determinat jekk dak mistqarr minnu kellux mis-sewwa. Ma jirrizulta li sar xejn minn dan.

q. Ghalkemm Transport Malta esebiet ritratti u dokumentazzjoni relattiva ghall-VRT test li sar minn Albion Auto Testing Ltd., f' Haz-Zebbug, kien ikun mistenni li jitressaq bhala xhud rapprezentant tal-

[198] Fol.424
[199] Fol.355 *"Xtrajtu minn Haz-Zebbug….Minghand wiehed dealer"*

garage imsemmi. Dan seta' jikkonferma id-dokumentazzjoni esebita minn Transport Malta filwaqt li jesebixxi kwalunkwe dokumentazzjoni li possibilment setghet titfa' dawl dwar jekk il-van esebit in atti u/jew dak li jidher fil-filmat kienx dak li kien gie *tested* minnu.

r. In vista tal-fatt li sa minn meta ezaminat il-*footage* tas-*cctv* biswit id-dar derubata, il-pulizija gharfet l-irwol li kellu l-*pick-up* f'din is-serqa, meta dan instab u ttiehed fil-kustodja tal-pulizija, **ma ttiehdux ritratti tal-istess mas-sejbien tieghu**, imqarr bhala *police work*!

s. Ghalhekk thalla interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tiddtermina jekk il-vettura li tidher fil-*footage* hiex l-istess wahda jew wahda identika ghall-dik uzata mill-imputat.

**Il-vettura esebita f'dawn l-atti, mizmuma fil-garaxx tal-pulizija f'St. Andrews, giet ezaminata fizikament minn din il-Qorti**.

Tezisti **probabbilita` kbira immens** li l-vettura hi l-istess wahda u dan minhabba l-*stainless steel/chrome side mirrors* u *side stills,* l-*aerial* iz-zghir li hu kompatibbli ma *car tv antenna*, u l-posizzjoni u ghamla tal-*licence holder*. Madanakollu il-marka li tidher fuq is-*side still* tan-naha tax-xufier fil-filmati tat-3 u tal-11 ta' Jannar, 2019, <u>ma baqghetx tidher</u>. Lanqas ma baqghu jidhru l-marki li jidhru fir-ritratti tal-van fis-CID Yard.[200]

Minhabba li dawn ir-ritratti ttiehdu bil-van pparkjat bejn karozzi, il-Qorti ma tistax tiddetermina jekk il-marka li tidher fil-filmati hiex identika ghal wahda mill-marki li jidhru fir-ritratt tal-van meta kien fil-Yard. <u>Kien ikun ferm deziderabbli li l-van jigi ffotografat b'vizwali cjara u mhux jittiehdu ritratti tieghu pparkeggat bejn vetturi ohra!</u>

t. Maghdud dan kollu, jibqa' l-fatt **ikkonstatat minn din il-Qorti meta ezaminat il-*pick-up*, li dawn il-marki ma baqghux vizzibbli**. Dan iwassal lill-qorti tikkonkludi li dik il-marka li tidher fil-filmat giet maghmula minn tajn jew hmieg li biz-zmien telqet jew intmesshet; wara kollox il-van gie maqbud kwazi xahar wara li saret is-serqa u kif gja` rrimirkat, ritratti tieghu malli instab u ttiehed fil-kustodja tal-pulizija ma ttiehdux!

[200] Fol.464 (19BIH104) u fol.466

u. Jinghad li fil-kors tal-investigazzjoni, Clint Mifsud kien stqarr mal-pulizija li kien biegh il-*pick-up* lill-imputat,[201] izda meta xehed *viva voce* ma gie mistoqsi xejn fir-rigward. Kien mistenni li dan ix-xhud jigi mistoqsi **jekk jgharrafx il-vettura** li tidher fil-*footage* bhala dik li inxtrat minnu!

v. Iktar minn hekk, jigi sottolinejat li Clint Mifsud jixhed li ma biddel xejn fuq it-Toyota: *"**Jien qatt ma bdiltlu xejn**, ghamiltlu service biss….. **Kollox kif inhu hallejtlu …. Kollox naturali".***[202] Issa fir-ritratt esebit minn Transport Malta il-vettura <u>kif impurtata tidher minghajr *windbreakers*.</u>[203] Ghal daqstant kellu jigi mistoqsi kif il-vettura tieghu ghandha *windbreakers* izda dik li sar il-VRT test fuqha m'ghandhiex!

Fin-nuqqas ta' risposta ghal dan l-interrogattiv, din ic-cirkostanza ghandha **timmilita favur id-difiza** tal-imputat meta jinnega li l-vettura li tidher fil-*footage* hi l-istess wahda li jsuq hu!

w. Fl-ahhar nett jigi rilevat li ghalkemm il-prosekuzzjoni addebitat lill-imputat bl-akkuza li kiser sentenza sospiza kif ukoll li hu recediv, baqghet <u>ma ngabet l-ebda prova</u> biex tissostanzja dawn l-akkuzi.

Tenut kont ta' dawn il-mankanzi, ma jistax ma jigix osservat li, bhal fil-kaz odjern, fejn l-atti kienu qed jigu rinvijati ghand l-Avukat Generali, dawn in-nuqqasijiet setghu jigu ndirizzati anke bl-iskrutinju li ghandu jikkonduci l-Avukat Generali fuq il-provi li tressaq il-pulizija.

Dak hu l-iskop tar-rinviju w manifestament fil-kaz in dezamina dan l-iskrutinju ma sarx kif dovut. Dak li jidher ghamlet il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz kien li ibbazat kwazi ghal kollox il-kaz taghha fuq il-*footage* w skartat provi ohra li ghalkemm indizzjarji kellhom valur probatorju ferm aktar b'sahhtu.

## <u>Gurisprudenza</u>

Issa li gew ikkunsidrati l-provi, u tenut kont il-punti ssolevati mill-abbli avukat difensur, imiss li ssir riferenza ghat-taghlim gurispridenzjali dwar il-forza probatorja ta' provi indizzjarji.

---

[201] Ibid.
[202] Fol.356
[203] **Dok.SCZ** fol. 427. Ritratt bil-kulur fil-procediment fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Briffa u Mark Anthony Cardona** a fol.428

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Eleno sive Lino Bezzina** gie deciz:[204]

> Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat *'beyond reasonable doubt,'* kif gie deciz fil-kawza **"Pulizija vs Bugeja",** tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.
>
> Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.
>
> Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **"Pulizija vs Peter Ebejer"** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-
>
> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **"Miller v. Minister of Pensions"** [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*
>
> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Fid-decizjoni taghha **Il-Pulizija vs Lela Ristic,**[205] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ezami *funditus* dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif ahjar maghrufa *'circumstantial evidence'*:

> At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including ***Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et***[206] decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows : -

[204] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imhallef David Scicluna u Onor. Imhallef Joseph R. Micallef; Deciza 24 ta' April, 2003, Att t'Akkuza Numru 10/1994

[205] Per Onor. Magistrat Aaron M. Bugeja; Deciza 16 ta' Dicembru, 2015

[206] Per Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera; Deciza 19.05.2014; ***Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad.***

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li **huma univoci**.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li **provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.**

Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li **kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih** u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra **kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu**.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**, "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'**.

> Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja.....
>
> ........

Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-

(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (*if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another*);
(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;
(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*);
(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence;

(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.

Now in this case the clear evidence that shows the accused rummaging among the personal property of the Zammit family is taken from an incident that took place on the 20th June 2014 and not the 23rd May 2014. Can this piece of evidence lead to a presumption of fact in the sense that once the accused was seen rummaging on the 20th June 2014 then it was automatically and solely she who did the same and stole the €2000 on the 23rd May 2014? According to law, it is possible for a presumption of fact to arise from circumstantial evidence. According to Blackstone's **Criminal Practice,**[207] Lord Simon in **DPP v Kilbourne**[208] stated the following : -

> The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'
>
> Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.[209]

On the otherhand, according to Mr Justice Joseph Galea Debono in **Il-Pulizija vs James Abela,**[210] a presumption of fact :-

> "tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." …..
>
> [emfazi tal-Qorti]

[207] 2013, F1.18 to F1.27
[208] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.
[209] Ara wkoll **Exall (1866)** 4 F&F 922 at 929 per **Pollock CB**.
[210] Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 11 ta' Lulju, 2002.

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Attard**:[211]

> Fi kliem **Sir Rupert Cross**, *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstantial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*
>
> U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: *'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'* [***Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda*** *App Krim – 24/04/2002]."*
>
> Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u li allura dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi jistabbilxxu l-presunzjoni ta' fatt li kien l-appellanti u hadd iktar qieghed isuq vettura taht l-influwenza tax-xorb, liema provi qatt ma gew kontradetti minnu.

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** [212] ddecidiet:

> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [sottolinejar tal-Qorti][213]

Fuq l-insenjament li saret ampja riferenza ghalih u fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, ma jistax jinghad li l-provi indizzjarji huma univoci tant li jwasslu lil din il-Qorti ghal dik ic-certezza morali li l-imputat, u l-imputat biss, kien komplici fis-serq bi vjolenza addebitat lilu.

---

[211] Qorti tal-Appell Kriminali; Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deciza 22 ta' Settembru, 2016; Appell Nru: 127/2016

[212] Per Onor Imhallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deciza 5 ta' Lulju, 2002.

[213] Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imhallef Joseph A. Herrera u Onor. Imhallef Carmel A. Agius, **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada; Deciza 15 ta' Mejju, 1990:**
L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci.

Konsegwentement lanqas tista' tinstab htija fuq l-imputazzjonijiet l-ohra.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**